# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 864
Diċembru 2004



## Il-Milied fix-Xewkija








L-aqwa rigal għal uliedek
jibqa' jiswa għal ħajjithom!
KATEKIŻMU GĦAŻ-ŻGĦAR NETT
Nimxu wara Ġesù
KATEKIŻMU GĦAĊ-ĊKEJKNIN
Gwida Ġenerali
Il-Mirakli ta' Ġesù
IVA NEMMEN
ALLA JHOBBNA LKOLL
L-GHAXAR KMANDAMENTI
It-Tagħlim ta' Ġesù
Il-Parabboli ta' Ġesù
TAGĦLIM NISRANI ĊAR U SOD!
Sett ta' 9 kotba "Katekiżmu għaċ-Ċkejknin"
bi Skont Speċjali ta' 15% (Lm8)
bħala RIGAL UNIKU għat-tfal tagħna.
LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE, VICTORIA, GĦAWDEX - TEL: 2156 0496

# f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Mill-Knisja fid-Dinja • 9
Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista :
Il-Milied fix-Xewkija • 12
Schola Cantorum Jubilate •15
Konferenzi Speċjalizzati miċ-Ċentru
Spiritwalità Tereżjana f'Għawdex •17
Versi Riflessivi •19
ACM: "Ġejna Nadurawh" •20
Bookmark:
L-Inżul u t-Tlajja ta' Ħajja Imqalba • 22
Għawdex 300 sena ilu :
Battikata għad-difiża ta' Għawdex • 23
Tifsir fuq it-Tagħlim tal-Katekiżmu (32)
It-Trinità Qaddisa (2) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (31) • 26
Għawdex... Kif nafu u narah jien (10) •30
Xhieda Nisranija: Karolina Cauchi(4) •32
Għawdxin li għadna niftakru (20) -
Majsi ta' l-Għadmu • 33
Int u Saħħtek • 35
Novella: Ir-Rigali tal-Maġi ta' Żmienna • 37
Werrej Sena 2004 • 39



**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 864***
***Diċembru 2004***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail*: lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fit-28 ta'Novembru 2004*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
**Il-Milied fix-Xewkija**
**(ara l-Intervista, pp. 12-14)**


# EDITORJAL

## *Rigal Sabiħ tal-Mulej!*

*F'dawn l-aħħar jiem tas-sena u fil-bidu ta' kull sena ġdida, nisimgħu ħafna dwar il-kelma "Paċi". Bħal donnu kulħadd jiftakar f'din il-kelma; niktbuha fil-kartolini tal-Milied, nużawha fl-awguri tagħna, nisimgħuha tidwi f'ħafna messaġġi uffiċċjali ...ecc. Il-Paċi: kelma qasira imma kemm hu twil xi kultant il-proċess biex tiksibha! Xi drabi narawha bħala xi ħaġa diffiċli, imma fl-istess ħin mhix impossibbli, bħal kull ħaġa oħra ta' valur, hi ħafna għażiża għal kulħadd, imma tista titlifha faċilment;* ***fuq kollox il-paċi hija rigal sabiħ tal-Mulej.***

*Kull komunità nisranija hija msejħa biex tgħix fil-paċi, li hi virtù mibnija fuq il-prinċipji tal-ġustizzja, fraternità u solidarjetà. Iżda b'għafsa ta' qalb wieħed faċilment jintebaħ li ħafna drabi dan hu biss ideal biex ma ngħidx utopja. Il-kunflitti, l-għira u l-vendetta, tant infiltraw delikatament fis-soċjetà li qed jimminaw l-atmosfera sabiħa li tirrenja fejn hemm il-paċi. Eventwalment, kaġun ta' dan, il-bniedem qiegħed dejjem iżjed jingħalaq fih innifsu jew fiċ-ċirku strett ta' madwaru u ftit ftit jinqata' mill-ħajja soċjali li fiha jgħix.*

*Il-Paċi, minkejja li tissemma tant drabi f'dawn il-jiem, m'hix xi ħaġa ristretta għal dan il-perjodu.* ***Jeħtieġ li l-paċi tikkaratterizza l-jiem kollha tas-sena.*** *Il-Papa Ġwanni Pawlu II, f'wieħed mill-messaġġi tiegħu xi snin ilu kien qal li m'hemmx paċi mingħajr ġustizzja; allura fejn m'hemmx ġustizzja m'hemmx paċi. L-istess nistgħu ngħidu għal fejn jinħass in-nuqqas ta' l-ispirtu ta' maħfra, din il-virtù purament kristjana li qed tinħass tant diffiċli biex tgħixha. Anqas ikun hemm paċi jekk fis-soċjetà ma jitħaddimx ir-rispett reċiproku bejn iċ-ċittadini li jiffurmawha u ma jkunx hemm rispett sħiħ lejn id-dinjità ta' kull persuna umana (anzjani, tfal, ħaddiema, ecc). Kull bniedem, u iżjed jekk hu nisrani, jeħtieġ li jippromwovi s-sens ta' l-aċċettazzjoni ta' kulħadd, anke ta' dawk li ma jkunux jaqblu miegħu. Anke il-ħarsien ta' l-ambjent u n-natura ta' madwarna b'xi mod jikkontribwixxi għal din l-idea aktar wiesa tal- paċi. Fuq kollox, iżda,* ***il-paċi tiddependi mill-ħarsien u l-għożża tal-liġi t'Alla****, għax biex issaltan il-paċi, il-bniedem irid ikun fil-paċi miegħu nnifsu, mal-proxxmu tiegħu u fuq kollox ma' Alla.*

*San Franġisk t'Assisi, li kellu tant għal qalbu l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, li bħalissa ninsabu fil-qalba taċ-ċelebrazzjoni tiegħu, kien jitlob lill-Mulej biex jagħmlu strument tal-paċi tiegħu. Jalla din ix-xewqa tal-fqajjar t'Assisi tkun ix-xewqa sinċiera ta' kull nisrani* ***biex il-paċi, li dejjem tibda bi Kristu, issib fina strumenti li nwassluha lill-oħrajn****. B'hekk l-għajta ferrieħa ta' l-anġli fil-lejl tal-Milied: "Glorja 'l Alla u Paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba", tasal verament għandna. Minn qalbi nawguralek li dan ir-rigal tal-paċi vera tgħożżu sew f'qalbek, mhux biss f'dan il-Milied, imma tul ħajtek kollha.*

www.gozodiocese.org



# Il-Ħajja fid-Djoċesi

Seminarista Joseph Curmi

## Akkademja Mużiko-Letterarja



Nhar il-Ħadd 7 ta' Novembru, fil-Knisja ta' Santu Wistin fil-Belt Victoria saret akkademja mużiko-letterarja biex tfakkar l-1650 sena mit-twelid ta' Santu Wistin. F'din l-akkademja ndaqqu diversi xogħlijiet minn kompożituri Maltin. L-orkestra kienet immexxija minn Mro. Carmel Grech. Barra minn dan indaqqu wkoll xi xogħlijiet bl-orgni tal-istess knisja li m'ilux li ġie restawrat minn Robert Buhagiar. Inqraw ukoll xi poeżiji tal-okkażjoni u l-Arċipriet Karm Refalo għamel ħsieb dwar Santu Wistin. Preżenti fost l-oħrajn kien hemm l-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi kif ukoll xi membri parlamentari.

## 30 Sena ta' Ħidma f' Għawdex

Dan l-aħħar is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl iċċelebrat it-30 sena mill-ftuħ tad-Dar Stella Maris ġewwa ż-Żebbuġ. Din id-dar infetħet fl-1974. Għal bosta snin, serviet bħala dar għan-novizzjat. Dan l-aħħar ġiet rinnovata, fejn fost l-oħrajn saret kċina ġdida, kappella fuq stil modern u sala għall-konferenzi. F'dawn is-snin, is-Soċjetà ta' San Pawl tat servizz imprezzabbli lid-djoċesi ta' Għawdex. Għalhekk bħala radd ta' ħajr lil Alla l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi mexxa konċelebrazzjoni fil-parroċċa taż-Żebbuġ u wara nkixfet lapida li tfakkar din l-okkażjoni.

## Għoti tal-Ministeri

Din is-sena Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ta l-ministeri tal-lettorat u l-akkolitat lill-diversi seminaristi tad-djoċesi ta' Għawdex. Dawn huma l-ewwel ministeri li wieħed jirċievi qabel ma jkun ordnat djaknu u saċerdot. Nhar il-Ġimgħa 12 ta' Novembru Mons. Isqof ta l-ministeru tal-akkolitat lis-seminaristi Michael J. Galea (Xagħra) u Brian Sultana (San Lawrenz). Hu stieden lill-kandidati għal dan il-ministeru biex ifittxu li jikbru fl-imħabba tagħhom lejn Ġesù Ewkaristija kull darba li jersqu biex jitqarbnu u kull darba li jamministraw l-Ewkaristija fil-knejjes jew lill-morda fid-djar. Mons. Isqof ta ukoll il-ministeru tal-lettorat lis-seminaristi Joseph Calleja (Qala), Joshua Muscat (Nadur) u Anthony Caruana, Michael Curmi u Victor Said (Xagħra). Hu indirizza lill-kandidati għal dan il-ministeru u ħeġġiġhom biex jirriflettu sewwa fuq l-Kelma ta' Alla fl-Iskrittura biex imbagħad ikunu jistgħu jgħadduha lill-oħrajn.

## Festa ta' Kristu Sultan

Nhar il-21 ta' Novembru ġiet iċċelebrata il-festa ta' Kristu Sultan, li taħbat fl-aħħar Ħadd tas-sena liturġika. F'Għawdex, saru diversi ċelebrazzjonijiet u attivitajiet marbuta ma' din il-festa. L-ewwelnett, nhar il-Ġimgħa 19 ta' Novembru saret laqgħa lill-adoloxxenti tad-djoċesi fiċ-Ċentru ta' Kana. Imbagħad l-għada s-Sibt saret laqgħa oħra għaż-

żgħażagħ fl-Oratorju Don Bosco. Dawn ġew organizzati mill-Kummissjoni Djoċesana taż-Żgħażagħ (KDŻ). Fuq kollox din il-festa għalqet bil-manifestazzjoni ta' Kristu Sultan, il-Ħadd 21 ta' Novembru li ġiet organiżżata mill-Kummissjoni Djoċesana għall-Appostolat tal-Lajċi (KDAL) flimkien mall-Kummissjoni Djoċesana taż-Żgħażagħ. Fid-diskors tiegħu ġewwa l-*Gym,* Mons. Isqof tkellem dwar l-Ewkaristija, billi din is-sena hi Sena Ewkaristika. Hu semma li d-dmirijiet tagħna lejn l-Ewkaristija nistgħu niġbruhom fi tliet kelmiet: Niċċelebraw, naduraw u nikkontemplaw. Barra minn dan hu ħeġġeġ lil dawk preżenti biex matul din is-sena nitolbu aktar b'ħerqa mis-soltu lis-Sultan tagħna biex isawwab aktar fuqna, fuq il-Knisja u fuq art twelidna il-barka tiegħu.



### *Wirja ta' Statwi ta' Wistin*

Nhar il-Erbgħa 17 ta' Novembru ġiet inawgurata Wirja ta' Statwi magħmulin mill-artist Għawdxi Wistinu Camilleri. Uħud minn dawn l-istatwi huma titulari u oħrajn devozzjonali. Din il-wirja baqgħet miftuħa sat-23 ta' Novembru. L-istatwi kienu esebiti fil-Katidral ta' Għawdex. Barra minn dan fis-sala tas-Sentinella fiċ-Ċittadella kien hemm ukoll wirja ta' abbozzi ta' statwi magħmulin mill-istess artist.

### *Symposium Marjan*

Billi din is-sena qed infakkru l-mija u ħamsin sena mill-proklamazzjoni tad-domma tal-Immakulata Kunċizzjoni fis-Santwarju ta' Pinu sar *Symposium* Marjan. Dan beda l-Ġimgħa 5 sas-Sibt 6 ta' Novembru. Fost il-kelliema ewlenin kien hemm Dun Salvatore M. Perrella, saċerdot tas-*Servi di Maria,* kif ukoll Dun Ġerald Buhagiar. Is-Sibt filgħaxija bħala tmiem ta' dan is-*symposium*, Mons. Isqof iċċelebra quddiesa fl-istess santwarju fejn fil-priedka li għamel marbuta mal-Vanġelu tal-Ħadd, hu semma li Alla tagħna hu Alla tal-ħajjin. Alla tagħna hu Alla tal-Imqaddsa Verġni Marija li tat il-ħajja umana lil Kristu. Mons. Isqof żied li sfortunatament anki illum insibu nies li jippretendu li huma għorrief u mhux talli ma jħarsux bħal Marija il-ħajja umana, imma jippromwovu l-abort u l-ewtanasja.

### *Kappillan Ġdid għal Kerċem*



Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ħatar lil Dun Mario Grech J.U.L., J.C.D. saċerdot ta' 47 sena minn Kerċem, biex ikun il-kappillan tal-parroċċa ta' Kerċem. Bħala kappillan , qablu kien hemm Mons. Franġisk Debrincat li ġie maħtur Monsinjur tal-Katidral ta' Għawdex.

### *Jum il-Vittmi tat-Traffiku*

Nhar l-Erbgħa 24 ta' Novembru inżamm il-"Jum tal-Vittmi tat-Traffiku". Din il-ġurnata ilha li bdiet tiġi ċċelebrata xi tlett snin u nistgħu ngħidu li din il-ħtieġa li tiġi ċċelebrata aktar ma jmur qed tiżdied. Dan minħabba li kważi ta' kuljum nisimgħu b'diżgrazzji li jiġru minħabba sewqan perikoluż jew minħabba diversi żbalji li jsiru fis-sewqan. L-għan ta' din il-ġurnata hu l-ewwelnett biex tinħoloq kuxjenza u kulħadd joqgħod attent u anki biex kif nemmnu aħna l-kattoliċi nitolbu għal dawk li tilfu ħajjithom jew spiċċaw b'xi diżabilità. Għal din l-okkażjoni Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fis-Santwarju ta' Pinu u hemm sar talb għal dawk li soffrew minn dawn l-inċidenti. Fil-parroċċi sar ukoll talb b'din l-intenzjoni.

Majestic too Electronics Centre
Video & DVD Rentals,
*Sales of:* TV's, VCR's, Hi-Fi,
Mobile Phones & Air-Conditioners
*F.Mizzi Street, Victoria, Gozo - Malta.*
Tel: 2156 6616 Mob:79461299

**Authorized Dealers in Gozo for**
SAMSUNG *Satellite Receivers*
SANYO *TV. DVD. VIDEO. AUDIO*
Pioneer *Sound and Vision*
Roadstar *Hi-Fi's of All Kinds*

*REPAIR CENTRE FOR MOBILES, TV's, VIDEOS, DVD's, HI-FI's, etc.*




Lelio Spiteri

### *B'Tifkira tal-Vittmi Għawdxin*



Nhar il-Ħadd 14 ta' Novembru kien Jum it-Tifkira. Dak in-nhar ukoll f'Għawdex ġie mfakkar il-ħamsin anniversarju ta' l-inawgurazzjoni tal-monument ta' Kristu Re li jinsab fil-pjazza tat-Tokk ġewwa Victoria. Il-programm ma sarx barra kif ippjanat iżda fil-knisja ta' San Ġakbu minħabba l-maltemp. Sar kant mill-*Chorus Urbanus*. Is-sur Charles Bezzina ta tagħrif kronoloġiku dwar il-vittmi Għawdxin tal-gwerer. Id-diskors għal din l-okkażjoni sar mill-Wisq Rev. Mons. Joseph Bezzina. Inżammet minuta silenzju b'rispett u tifkira tal-vittmi taż-żewġ gwerer. It-tqegħid tal-kuruni sar wara fi Pjazza Indipendenza mill-Ministru għal Għawdex, persuni u għaqdiet distinti kif ukoll minn rappreżentanza ta' l-iskejjel statali Għawdxin.

### *Wirja Fotografika fit-Torri ta' Kenuna*

Fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill Lokali tan-Nadur, l-istess kunsill tella' wirja fotografika ta' Michael Xuereb fit-Torri ta' Kenuna, in-Nadur. Din il-wirja kienet inawgurata mis-Sindku Dr. Chris Said nhar is-Sibt 13 ta' Novembru. Id-diskors fiċ-ċerimonja tal-ftuħ sar minn Fr Charles Vella dwar l-artist u r-ritratti esebiti. Il-wirja baqgħet miftuħa sal-Ħadd 21 ta' Novembru.



### *"A Slice of Saturday Night" fir-Rabat*

Il-*Creative Theatre Club* ta' Victoria tella' dan l-ispettaklu fis-6, 7, 13 u 14 ta' Novembru. Il-*musical* kellu direzzjoni u produzzjoni ta' Ġorġ Mizzi bil-parteċipazzjoni tal-*Broadcasters Band* u Edward Mercieca. Dan l-ispettaklu ttella' f'żewġ diskoteki ewlenin f'Għawdex. Il-qligħ mar għall-karità.

### *Ktieb Ġdid bħala Gwida Ambjentali fin-Nadur*




Il-Kunsill Lokali tan-Nadur ħareġ il-ktieb *"Guide to Country Walks in Nadur"* għal dawk kollha li jħobbu jagħmlu xi passiġġata fil-pajsaġġ Għawdxi. L-inizjattiva kienet ta' Dr. Mario Saliba u Serge Natoli. Il-ktieb jinkludi wkoll storja qasira dwar in-Nadur, il-lokalità tan-Nadur, kif tasal in-Nadur, u tagħrif konċiż dwar il-karnival tan-Nadur.

### *It-traġedja tat-30 ta' Ottubru 1948 imfakkra f'Għawdex*




L-għarqa ta' 23 persuna li ġrat fit-30 ta' Ottubru 1948 qrib il-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien ġiet imfakkra l-Ħadd 31 t'Ottubru, b'ċerimonja ħdejn il-monument li jfakkar din il-ġrajja fl-Imġarr ta' Għawdex. Din id-diżgrazzja seħħet eżattament 56 sena ilu. Kien is-Sibt bil-lejl meta luzzu mgħobbi bil-passiġġieri, fosthom żewġ pulizjotti u mara, flimkien ma' żewġ membri ta' l-ekwipaġġ telqu mill-Marfa għal Għawdex, minkejja l-maltemp u l-baħar qawwi. Meta waslu qrib Ħondoq ir-Rummien il-luzzu nqaleb, bil-konsegwenza li kienu biss erbgħa l-passiġġieri li rnexxielhom isalvaw, billi qabdu mal-blat. Iċ-ċerimonja tal-Ħadd, bdiet b'quddiesa b'suffraġju għal dawk li għerqu u li ġiet iċċelebrata minn Mons. Eucharist Sultana, ex-arċipriet tal-Parroċċa tax-Xagħra. Fi tmiem il-quddiesa l-mistednin marru fuq il-post tad-diżgrazzja permezz ta' vapur tal-*Gozo Channel,* fejn ġew mitfugħa bukketti tal-ward minn Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, miċ-*Chairman* tal-Kumitat Organizzativ Kultura, u mill-familjari tal-vittmi. Saret talba fuq il-post għal dawk li tilfu ħajjithom f'din id-diżgrazzja storika.



### *Ġimgħa Marjana b'tifkira storika fl-Imġarr*

Fuq xewqa tal-Gwardjan u l-Komunità tal-Patrijiet Franġiskani Ta' Ġieżu, l-istatwa devota tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Qala kienet fil-qalba ta' ġimgħa attivitajiet u ċelebrazzjonijiet li kellhom bħala skop wieħed spiritwali u pastorali. Ħamsin sena ilu, fl-1954, meta l-Knisja Universali kienet qed tfakkar l-ewwel mitt sena mill-proklamazzjoni tad-Domma tal-Immakulat Konċepiment, l-istatwa devota kienet inġarret f'pellegrinaġġ ta' talb u radd il-ħajr lil Alla (*ritratt*) u għal diversi ġranet kienet esposta għad-devozzjoni tal-poplu fil-Knisja ta' Sant' Antnin f'Għajnsielem. Għalhekk anke din is-sena twettaq programm ta' ċelebrazzjonijiet, bejn it-22 u t-28 ta' Novembru li fihom l-istatwa tal-Kunċizzjoni tal-Qala għal darb'oħra kienet meqjuma fl-istess knisja tal-patrijiet, u sar pellegrinaġġ mill-Knisja ta' Sant' Antnin sas-Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Qala fil-bidu ta' sena liturġika ġdida, il-Ħadd 28 ta' Novembru.

## *Rikonoxximent Nazzjonali liż-"Żagħżugħ tas-Sena" imtella' mill-Fondazzjoni OASI*

"ZEST", il-Grupp taż-Żgħażagħ fi hdan il-Fondazzjoni OASI, bil-koperazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex, il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ u l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi, għal darb'oħra nieda edizzjoni oħra ta' "Iż-Żagħżugħ tas-Sena" - rikonoxximent annwali tal-volontarjat fost iż-żgħażagħ. Din is-sena ċ-ċerimonja tal-għoti ta' dan ir-Rikonoxximent Nazzjonali saret nhar is-Sibt 20 ta' Novembru 2004, fis-7.30 ta' fil-għaxija, fis-Sala tal-Konferenzi fil-lukanda Ta' Ċenċ. L-E.T. il-President ta' Malta, Dr Edward Fenech Adami ppresieda ċ-ċerimonja u ppreżenta huwa personalment it-trofew tar-rikonoxximent lir-rebbieħ. Din il-manifestazzjoni pubblika barra li sservi ta' rikonoxximent hija wkoll ta' inkoraġġiment liż-żgħażagħ tagħna biex ma jaqtgħux qalbhom, iżda jissoktaw fl-impenn soċjali tagħhom għall-ġid tal-komunità li fiha jgħixu. Għall-edizzjoni 2004 kien hemm għaxar żgħażagħ li ġew nominati. Ir-rebbieħa kienet Jane Mifsud mill-Imġarr Malta.

## *L-ALMANAKK GĦAWDXI 2005*




Fl-okkażjoni ta' Jum il-Karità li jiġi ċċelebrat f'Għawdex ta' kull sena fil-Festa ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu, il-"Caritas" ta' Għawdex flimkien mal-*Lumen Christi Media Centre*, ippublikat għat-tmin sena konsekuttiva "L-Almanakk Għawdxi" għas-sena li ġejja 2005.

Dan l-Almanakk, li għandu ċirkulazzjoni ta' 12,000 kopja, jitqassam b'xejn f'kull dar f'Għawdex flimkien mal-Bullettin tal-Ħadd. Illum l-Almanakk huwa popolari ħafna u mfittex ħafna fost l-Għawdxin, li jqisuh bħala l-"*Year Book*" tagħhom għal diversi referenzi.

Barra l-kalendarju ta' kull xahar bil-qaddisin tal-ġurnata u l-festi ta' matul is-sena, l-Almanakk jinkludi wkoll għadd kbir ta' informazzjoni dwar Għawdex. Huwa direttorju komplut tal-ħajja soċjali u reliġjuża fid-diversi entitajiet tagħha: Kunsilli Lokali, Parroċċi, Saċerdoti Għawdxin, għaqdiet, skejjel, servizzi ċivili u tant oqsma oħra flimkien ma' għadd ta' artikli ta' interess ġenerali.

Għalkemm l-Almanakk Għawdxi jitqassam b'xejn , kull offerta libera għall-*Caritas* Għawdex hija apprezzata u għandha tiġi ndirizzata lid-Direttur, *Caritas* Għawdex, Kurja ta' l-Isqof, Victoria, Għawdex.

## *GĦAWDEX FIL-BUDGET 2005*

*"Il-miżuri kollha li semmejt qabel huma kollha relatati direttament jew indirettament mal-gżira ta' Għawdex. Madanakollu, l-Gvern jerġa' jtenni li Għawdex irid ikollu attenzjoni partikolari.*

*Il-Gvern għandu tliet prijoritajiet li huma:*

*-li ntaffu kemm nistgħu l-problemi ta' periferalità u ta' insularità doppja;*

*-li nsaħħu l-ekonomija tal-gżira; u*

*-li nnaqqsu l-fraġilità soċjali tal-komunità Għawdxija.*

*Fost il-miżuri konkreti li jridu jitwettqu f'Għawdex hemm:*

*-il-bini ta'* ***golf course****;*

*-il-bini ta' aktar faċilitajiet ta' rmiġġ għall-jottijiet;*

*-****casino*** *f'Għawdex;*

*-aktar* ***dive-sites*** *artifiċjali u* ***recompression chamber****;*

*-it-tkomplija tal-proġett għall-portijiet tal-Imġarr u ċ-Ċirkewwa*

*-ċentru ta' nkubazzjoni għat-twaqqif ta' negozji żgħar fl-oqsma ta' l-artiġjanat u tat-teknoloġija ta' l-informatika;*

*-bini mill-ġdid ta' toroq;*

*-skemi ta' mpjiegi u taħriġ għall-ħaddiema; u*

*-il-proġetti ta' Chambray u tal-Ġgantija.*

*Dawn il-proġetti jibdew jitwettqu fix-xhur li ġejjin u huma ko-ffinanzjati, fost proġetti oħra, minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea.*

*Il-Gvern qed jaħdem ukoll fuq strateġija ġdida għat-tisħiħ tal-industrija u l-kummerċ f'Għawdex u qed iħejji pakkett ġdid ta' għodda finanzjarja bil-għan li jagħmel tajjeb għall-iżvantaġġi li dawn l-oqsma jbatu minnhom f'Għawdex minħabba l-insularità doppja, il-periferalità u ċ-ċokon tas-suq fil-gżira.*

*Finalment, il-gvern jiddikjara li m'hemm l-ebda ħsieb li jżid it-tariffi tal-****Gozo Channel Co. Ltd*** *minħabba l-V.A.T."*




### *Tliet għanijiet tas-Sinodu fuq l-Ewkaristija f'Ruma fl-2005*

Il-Papa Ġwanni Pawlu II speċifika li t-tliet għanijiet tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet li se jsir is-sena d-dieħla huma li jsaħħaħ il-fidi, iġedded l-għaqda fost ir-ragħajja tal-Knisja u jmexxi 'l quddiem il-karità. Huwa semma dawn it-tliet skopijiet fis-16 ta' Novembru li għadda, lill-parteċipanti fil-laqgħa tal-Kunsill Ordinarju tas-Segretarjat tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet, miżmuma bi tħejjija għas-Sinodu ta' Ottubru li ġej, bis-suġġett "L-Ewkaristija, Għajn u Qofol tal-Ħajja u tal-Missjoni tal-Knisja".

### *Il-Papa qrib il-poplu tal-Iraq imkisser bil-vjolenza*

Fil-15 ta' Novembru 2004, il-Papa qal lill-ambaxxatur il-ġdid tar-Repubblika ta' l-Iraq għas-Santa Sede, Albert Edward Ismail Yelda, li hu segwa l-ġrajjiet fl-Iraq permezz tal-preżenza tan-Nunzju Apostoliku u talab lill-Ambaxxatur biex jassigura lill-poplu Iraqi mill-ħsieb tiegħu għall-bosta vittmi tat-terroriżmu u tal-vjolenza. "Bħalissa l-Iraq jinsab f'nofs proċess iebes ta' mogħdija minn reġim totalitarju għall-formazzjoni ta' stat demokratiku li fih id-dinjità ta' kull persuna hi rispettata u ċ-ċittadini kollha jgawdu drittijiet ugwali", innota l-Papa. Qal ukoll li l-istat għandu jġib 'l quddiem il-ftehim u t-tolleranza bejn id-diversi gruppi etniċi u reliġjużi u jaħdem għall-ġustizzja u l-paċi. Ir-relazzjonijiet diplomatiċi kienu ġew stabbiliti bejn is-Santa Sede u l-Iraq fis-27 ta' Awissu 1966.

### *Rabja minħabba pjan ta' kontraċezzjoni fl-Ingilterra*

Gruppi *pro-life* fl-Ingilterra ikkundannaw is-suġġerimenti ta' Margaret Hodge, Ministru għat-Tfal, biex l-istudenti bniet, ibda minn dawk ta' 14-il sena, jingħataw injezzjonijiet abortivi ta' kontroll tat-twelid bil-għan li tiġi evitata l-possibiltà tat-tqala f'dik l-età.

### *Il-pjaga tat-tfal suldati f'196 pajjiż differenti*

Ir-rapport ta' din is-sena tal-*Coalition to Stop the Use of Child Soldiers* jagħti ħarsa lejn l-iżviluppi li kien hemm sa mill-2001 f'196 pajjiż. Minkejja xi titjib, il-qagħda baqgħet l-istess jew anke marret għall-agħar f'ħafna pajjiżi. Ir-rapport jgħid li t-"tfal qed jiġġieldu fi kważi kull kunflitt maġġuri, kemm fil-forzi tal-gvern kif ukoll ta' l-oppożizzjoni. Huma qed jiġu mweġġa', assoġġettati għal abbuż tal-biża' u maqtula. Gwerer li ntemmu fl-Afganistan, l-Angola u Sierra Leone wasslu bħad-demobilizzazzjoni ta' 40,000 tfal, imma fuq 25,000 kienu mdaħħla fil-kunflitti fil-Kosta ta' l-Avorju u fis-Sudan biss".

### *Bżonn li jinbnew knejjes fis-Siberja*

Id-djoċesi ta' S. Ġużepp ta' Irkutsk fil-Lvant tas-Siberja hi l-akbar fid-dinja b'territorju ta' aktar minn 10 miljun kilometru kwadru, għalkemm l-għadd ta' Kattoliċi hu biss ta' 50,000, servuti minn 45 qassis, 57 soru u *brother* reliġjuż. Din l-informazzjoni, mogħtija mill-isqof tal-post, ġiet imxandra mill-aġenzija Zenith. Hu qal li "il-kattoliċi fis-Siberja spiss ikollhom jużaw djar privati għas-servizzi u l-laqgħat tagħhom. Dan jagħmilhom jidhru qishom setet fl-għajnejn ta' ħafna nies tal-post. Għalhekk il-bini ta' knejjes ġodda, jew almenu kappelli, huwa ta' mportanza ewlenija". Fi Frar 2002, il-Papa kien eleva l-erba' amministrazzjonijiet apostoliċi tar-Russja għar-*rank* ta' djoċesijiet.

DM

David's Bakery Caterers

Il-Kwalità l-ewwel!

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131




***Karba miċ-Ċimiterju tal-Fabbriki...***

Matul Novembru dort dawra maċ-ċimiteri li għandna f'Għawdex. Kollha sbieħ u miżmuma tajjeb ħafna, speċjalment dawk tal-Qala, Għajnsielem, Xewkija, San Lawrenz u Sannat, li fihom sar tibdil kbir u għall-aħjar f'dawn l-aħħar snin. Prosit lill-kappillani u kuraturi taċ-ċimiteri parrokkjali tagħna!

Iżda **l-agħar ċimiterju f'Għawdex** mhux xi wieħed minn dawk fejn nidfnu l-għeżież tagħna! Mur dur dawra mat-toroq tal-Qasam Industrijali tax-Xewkija, u niżgurak li jaqbdek il-biki aktar milli meta tidħol fiċ-ċimiterju "Tal-Barmil" ftit metri biss il bogħod! L-għadd ta' fabbriki kbar magħluqa u mitluqa, mdawra b'kull xorta ta' ħmieġ u ħaxix ħażin, iġibulek għoqla fi griżmejk ħafna aktar mill-monumenti sbieħ u l-fjuri fuq l-oqbra tal-mejtin tagħna! Jekk għandek qalb tad-demm u l-laħam, żgur li l-mijiet ta' ħaddiema ssensjati u qegħda li għandna f'Għawdex bħalissa, għandhom inisslu fik ħasra u niket ħafna aktar mill-mejtin li tara fir-ritratti fuq l-oqbra f'Novembru!

L-aħħar statistika li ħarġet mill-N.S.O. fil-25 ta' Novembru li għadda, turina li f'Għawdex biss fl-aħħar ta' Ottubru kien hemm **635 persuna jirreġistraw għax-xogħol** (447 irġiel u 188 mara), **żieda ta' madwar 30 persuna fuq ix-xahar ta' Settembru**. Imbagħad tiġi l-Onor. Ministru għal Għawdex tgħidlek fil-Parlament: "*Veru li fl-industrija naqsu l-impjiegi, iżda ħafna mill-impjiegi li ntilfu kienu **assorbiti** fit-turiżmu, fl-infrastruttura, fil-biedja u fis-sajd.*" (ara "***In-Nazzjon***", 13-11-04). X'assorbazzjoni?! Kemm għaddew "*board*"?!? U l-fabbriki baqgħu ma rxuxtawx, la bit-turisti dejjem joktru(!) la bl-azjendi ta' kumpaniji u negozji li ġew imwiegħda (!), aħseb u ara kemm assorbew is-sajjieda jew il-bdiewa li qed jitilqu d-dgħajjes jew ir-raba' abbandunat li għandna..! **Tad-daħk, hux?!**

Dak li l-aktar jinkwetak huwa l-fatt li 53% ta' dawk li jirreġistraw għax-xogħol f'Għawdex huma żgħażagħ taħt it-30 sena! Ħafna aktar minn Malta! Dak li jbikkik huwa n-numru konsiderevoli ta' missirijiet ta' familji li jfittxu mnejn jistgħu jaqilgħu xi lira minn "*part-time-jobs*" jew b'xi ċekċika ta' xogħol id-dar bi ftit li xejn qliegħ... u Allaħares jinqabdu li qegħdin jirreġistraw! Inkella dawk il-ħafna nisa tad-dar u xebbiet ta' mezza-età li qed jaħdmu xi sufa d-dar, ġurnata sħiħa jilgħabu bil-labar qishom magni, għal 60 ċenteżmu kuljum... u Allaħares joqolqu man-negozjant għal xi ħaġa aktar jew jinqabdu jirreġistraw! **Tal-biki, hux?!**

Joħroġ il-*Budget*, u Alla jbierek **XEJN** dwar il-fabbriki, ġodda jew qodma, f'Għawdex! Ħlief din li taqta' l-għatx bil-perżut: "*Proġett speċjali għal Għawdex fejn jingħata servizz ta' appoġġ lin-negozji ż-żgħar, taħriġ lil min irid jarma għal rasu, korsijiet intensivi fl-industrija tat-turiżmu, u miżuri oħra għal min ikun qed jirreġistra għax-xogħol.*" Xejn ġdid! Dan ilhom jgħiduh minn sena għal oħra!

U l-fabbriki??? Ikkalma Ċikk! Kompli ttama u stenna sa xħin l-Unjoni Ewropea tipprovdilna xi waħda! Sadattant, kompli mur irreġistra fl-ETC, u ara ssibx lil min jagħtik xi *kors intensiv* hemm ġew!! Dawk għandhom "*aktar minn Lm5 miljuni favur il-ħaddiema*"! Barra minn hekk, "*nisa li kienu inattivi mid-dinja tax-xogħol għal aktar minn ħames snin, se jiġu mogħtija eżenzjoni mit-taxxa ta' darba għall-ewwel sena li jirritornaw għax-xogħol...*" Jirritornaw **FEJN**?! Fil-fabbriki mimlija għanqbut?!?!... Le, mal-ħass tal-Marsa!

## Ritratt... b'mistoqsija!




**IN MEMORIAM ! Din għadha hemm b'tifkira?!... *"Those were the days, my friend..."***

# Waslet is-sena 2005!

## Ħu nteress f'dak li qed jiġri fil-gżira tagħna billi taqra

# IL-ĦAJJA f'Għawdex




## Il-Leħen ta' l-Għawdxin!

*10 ħarġiet fis-sena, b'50 paġna dwar:*

- Il-ħidma tal-Knisja f'Għawdex
- Aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti tal-ħajja għawdxija
- Kummenti fuq il-ħajja reliġjuża, soċjali, u kulturali
- Intervisti ma' persuni Għawdxin u esperjenzi attwali
- Artikli ta' natura ġenerali
- Fehmet il-Qarrejja
- Storja u Folklor tal-gżira tat-Tliet Għoljiet
- Sports u Sportivi Għawdxin
- L-aħjar mod biex tirreklama fost 5000 qarrejja regolari

Ġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2005, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla' din il-formola u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew *money order* ta' Lm3 jew Lm5 lill-
*Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria VCT111, Għawdex.*

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

*Nixtieq nabbona (ġdid)* ☐ *jew inġedded l-abbonament* ☐ *għall-2005*

☐ *Lm3 Abbonament Regolari*

☐ *Lm 5 Abbonament Sostenitur* FIRMA ______________

L-INTERVISTA

# Il-Milied fix-Xewkija

## Dun Eddie Zammit jintervista lis-Superjur tal-MUSEUM tas-Subien, Bennie Mercieca



***Superjur, il- Milied għal kull organizzazzjoni huwa żmien ta' attivitajiet u inizjattivi. Jekk dan jgħodd għal kulħadd, jgħodd aktar għall-membri tas-Soċjetà tagħkom. X' tifkiriet għandek tal- Milied b'rabta mal-Museum u l-parroċċa tax-Xewkija?***

Naqbel perfettament miegħek li, għalina tal-M.U.S.E.U.M., il-Milied hu żmien ta attivitajiet u inizjattivi, kemm f'dik li hi ħidma materjali kif ukoll mill- aspett ta' inizjattivi pastorali. Dwar il-ħidma materjali bi tħejjija għall-Milied nista' ngħidlek li din tibda minn kmieni. Fil-fatt, ix-xogħol konness mal-premjazzjoni ġenerali tal-Milied jibda mill-ewwel ġimgħa ta' Jannar. Grupp ta' membri u studenti jibda x-xogħol tal-ġibs tal- pasturi u ta' l-istatwi li jibqa' sejjer sa Ġunju. Fix-xhur tas-sajf, imbagħad, jinżebgħu l- pasturi kollha, filwaqt li f'Ottubru u f'Novembru jinżebgħu l- istatwi kollha. Ix-xogħol, imbagħad, fuq il-presepji u l-grotti jsir matul Diċembru. Kieku ma jsirx kollox skond dan il-programm ikun impossibli li nlaħħqu nlestu premju għal kull tifel u student, li b'kollox ilaħħqu mal-250.

Barra dan, ukoll, isir it-tiżjin tal-Qasam li jibda fl-aħħar ġimgħa ta' Novembru biex jitlesta kollox sal-Kunċizzjoni. Barra li jsir it-tiżjin fil-klassijiet tad-duttrina u fil-kurituri, l-entrata jkollha aspett tassew attraenti bi presepju kbir, bradella mżejna bil-Bambin li toħroġ fil-purċissjoni, bandalori mixgħulin u siġra kbira mdawla.

Ma jonqosx, ukoll, it-tiżjin fil-faċċata tal-Qasam tagħna. Fuq ġenb jitqiegħed *board* kbir li juri t-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu bil-kelmiet "L-Iben t'Alla sar Bniedem", mdawwal b'kewkba kbira mixgħula. Fuq in-naħa l-oħra ssir grotta kbira ta' l-injam bi statwi '*life size*'.

Ta' min isemmi li huma bosta l-ex membri tagħna li jiġu jagħtuna daqqa t'id u ta' dan nirringrazzjawhom.

Dwar l-inizjattivi b'aspett spiritwali nitkellmu aktar 'l quddiem.

***Għaliex fil-MUSEUM issir din l-attività kollha b'rabta mal-Milied?***

Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li fil-Qasam ebda festa liturġika ma tinvolvi daqshekk preparazzjoni remota u prossima jew attivitajiet ta' bixra pastorali daqs il-festa tal-Milied. U dan bir-raġun, għaliex kien il-Fundatur tas-Soċjetà tagħna l-Beatu Ġorġ



Preca li ried li din tkun l-akbar ġrajja fil-kalendarju liturġiku għall-membri Mużewmini. Il-Milied hu l-festa tal-*Verbum Dei* - meta l-Iben t'Alla sar Bniedem - l-aktar ġrajja li tolqot mill-qrib lil kull bniedem li jrid jara s-salvazzjoni. Kien Dun Ġorġ innifsu li ried li, lejlet il-Milied, issir, 'dimostrazzjoni' bl-istatwa tal-bambin bħala ċ-ċentru ta' l-attrazzjoni u attenzjoni.



***Dan l-aħħar fil-Qasam tax-Xewkija, inawgurajtu kappella sabiħa li sservi kemm għat-tfal kif ukoll għan-nies. X'attività spiritwali ssir, kemm fil-kappella tagħkom kif ukoll fil-Knisja Parrokkjali bi tħejjija għall-festi tal-Milied?***

Iva, bi pjaċir insemmu li f'Settembru li għadda inawgurajna kappella ġdida mżejna u attrezzata bl-aħjar mod u bl-isbaħ mod. Ridna li din tkun iċ-ċentru tal-binja kollha tal-qasam tagħna. Preċiżament, bi tħejjija għall-festa tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu, ġol-kappella norganizzaw diversi attivitajiet fosthom ċelebrazzjonijiet bibbliċi u paraliturġiċi, laqgħat ta' talb u Adorazzjoni Sagramentali, servizzi ta' kant ta' għanjiet tal-Milied. Jispikkaw ukoll fin-Novena tal-Milied diversi inizjattivi spiritwali fosthom wiri ta' *videos*, filmini, u *slidefeatures*, *powerpoint presentations*, kollha ffokati fuq il-ġrajja tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu, konferenzi, kwiz, qari u riflessjoni ta' siltiet mill-Bibbja, qari ta' proża u poeżiji b'marka reliġjuża, relatati mal-Milied.

***L-attivitajiet li tagħmlu huma mmirati biss għat-tfal li jattendu l-Qasam jew huma miftuħin għall-kategoriji oħrajn? B'liema spirtu jipparteċipaw it-tfal fit-tiżjin u fil-preparazzjoni tal-programmi tal-Milied?***



L-attivitajiet u l-inizjattivi pastorali huma mmirati prinċipalment lejn it-tfal, studenti u żgħażagħ. Għalhekk, nagħmlu kull sforz biex meta nħejju l-"*items*" relatati mat-tħejjija tal-Milied, dawn ikunu adatti għall-etajiet u karatterizzati minn l-aspett profondament reliġjuż tal-Milied. Nieħdu gost ninnotaw li t-tfal, studenti u żgħażagħ iwieġbu għal dawn l-inizjattivi bi spirtu ta' ġabra, riflessjoni u ftuħ il-qalb.

S'intendi, fejn jidħol it-tiżjin u attivitajiet simili l-entużjażmu tat-tfal, studenti u żgħażagħ ikun evidenti. Għalhekk, hi biċċa xogħol għalina l-katekisti biex nispiritwalizzaw il-ħeġġa tagħhom u nispirawlhom pożittivament is-sens ġenwin tal-festi tal-Milied.

***Il-qofol ta' l-attivitajiet, nimmaġina li hija l-Purċissjoni bil-Bambin. Kemm hi antika din il-purċissjoni fir-raħal tax-Xewkija? Kif tiġi organizzata llum? X'parteċipazzjoni u x'għajnuna ssibu fl-organizzazzjoni ta' dawn il-festi?***



Sewwa qed tgħid: il-purċissjoni bil-Bambin hija l-'*climax*' ta' l-attivitajiet konnessi mal-Milied. Fix-Xewkija, din il-purċissjoni saret għall-ewwel darba mis-Soċjetà tal-MUSEUM f'Diċembru 1943 u minn dak inhar baqgħet issir regolarment. Però, mill-1993 din il-purċissjoni bdiet issir forma ta' *pageant* li fih jieħdu sehem mal-150 attur bejn tfal, studenti, żgħażagħ u adulti. Hi ħaġa pożittiva ferm li tant persuni jieħdu sehem f'attività bħal din, li titlob ħafna xogħol ta' tħejjija. Bla dubju, s-sehem tal-Banda "Il-Prekursur" hu ferm apprezzat u jgħin ħafna biex il-*pageant* ikun attrazzjoni importanti fil-Purċissjoni tal-Bambin.



***Barra l-purċissjoni hemm ukoll il-programm fil-knisja. X'isir eżattament? U x'effett taħseb li jħallu dawn l-attivitajiet fuq it-tfal għal meta jikbru?***

Meta l-purcissjoni u l-*pageant* jidħlu fil-knisja, jsir programm ta' madwar siegħa. Sa ftit snin ilu dan kien jikkonsisti f'kant ta' għanjiet tal-Milied, qari ta' proża u poeżija, u l-priedka tat-tifel. Dawn l-aħħar snin qed issir ukoll reċita b'tema li għandha x'taqsam mal-Milied.

Aħna konvinti li dawn l-attivitajiet kollha marbutin mal-Milied iħallu tifkiriet sbieħ li ma jitħassrux fuq it-tfal, studenti u żgħażagħ. Tant, li bosta drabi niltaqgħu ma' adulti li jsemmulna l-attivitajiet tal-Milied ta' meta kienu żgħar u jħarsu lejhom b'nostalġija. Nemmnu li dawn l-attivitajiet, kemm materjali kif ukoll spiritwali, jgħinu biex iżommu ħajja u rilevanti t-tradizzjoni qaddisa tal-festa tal-Milied, filwaqt li jnisslu sentimenti profondament reliġjużi li jressqu lejn is-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin. Fiduċjużi, wkoll, li dawn l-attivitajiet kollha jgħinu biex titnissel attitudni ta' gratitudni lejn Alla u ftuħ il-qalb li twieġeb bl-imħabba għall-imħabba t'Alla l-Missier li wera mħabbtu meta bagħtilna lil Ibnu Ġesù Kristu fid-dinja bħala feddej tagħna.



***Minbarra mill-Museum, isiru attivitajiet oħrajn fil-parroċċa u fir-raħal tax-Xewkija fl-okkażjoni tal-Milied. Xi tgħidli dwar dan?***

Iva, il-parroċċa torganizza diversi attivitajiet reliġjużi u spiritwali, kif ukoll kulturali, b'kompetizzjonijiet ta' l-isbaħ presepji. Il-Kunsill Lokali jżejjen ferm sabiħ il-pjazza u xi toroq prinċipali. "Radju Prekursur" jittrasmetti diversi funzjonijiet u attivitajiet li jsiru fil-parroċċa u jtella' skeda speċjali ta' programmi relatati mal-Milied. Il-Banda "Il-Prekursur" barra li tieħu sehem attiv fil-*pageant* tal-Milied, torganizza "*party*" kbir għat-tfal u l-istudenti kollha tar-raħal.



***X'messaġġ tixtieq taqsam mal-qarrejja tagħna fl-okkażjoni ta' dawn il-festi?***

Jalla, l-Iben t'Alla li sar bniedem, iġib f'qalb il-qarrejja tal-"Ħajja f'Għawdex", il-ferħ tal-Milied li hi t-tama, l-ispirtu tal-Milied li hu l-Paċi, u l-qalba tal-Milied li hi l-imħabba.

# SCHOLA CANTORUM JUBILATE

A.D. 2000.

*Rapport ta' Silvana Sultana*

## *'Carols By Candlelight 2004'*

**Is-sena l-oħra l-gżejjer Maltin raw l-ewwel produzzjoni ta' *"Carols by Candlelight"* imtella' mill-i*Schola Cantorum Jubilate*. Din it-tradizzjoni hija famuża sewwa u popolari fl-Ewropa, għalkemm l-idea oriġinat fl-Awstralja. Nistgħu ngħidu li dik tas-sena l-oħra, għal *Schola Cantorum Jubilate* kienet suċċess kbir. Barra li l-kor kellu kritika pożittiva bil-kunċert li kien esegwixxa u l-ikel delizzjuż li tlesta b'delikatezza kbira mill-kok ta' Ta' Frenc Restaurant, il-profitti ta' din l-attività marru kollha għad-Dar Ġużeppa Debono t'Għajnsielem. Din id-dar toffri kenn kif ukoll sapport lil dawk l-ommijiet mhumiex miżżewġa u nisa li jkunu għaddejjin minn diversi problemi.**



Wara s-suċċess li rat l-i*Schola* s-sena l-oħra, il-kumitat organizzattiv iddeċieda li jtella' t-tieni edizzjoni ta' *"Carols by Candlelight"* nhar is-Sibt, 11 ta' Diċembru 2004. Dan il-kunċert se jkun ukoll il-ftuħ uffiċjali ta' l-attivitajiet li jfakkru l-ħames anniversarju mit-twaqqif ta' dan il-kor. Għal din is-sena, *"Carols by Candlelight"* ser jinżamm ġewwa Palazzo Palina - Ta' Ċenċ Hotel, Sannat, Għawdex, u jibda fis-7.30p.m, b'kunċert korali mill-i*Schola Cantorum Jubilate* taħt id-direzzjoni mużikali ta' Marouska Attard. Wieħed ikun jista' jgawdi diversi '*carols*' u motetti sagri natalizji mill-Era Rinaxximentali sa dik kontemporanja, mir-repertorju ta' diversi kompożituri bħal John Rutter, Giovanni Croce, Marco Frisina u oħrajn. Matul l-interpretazzjoni tal-*Carols* wieħed ser ikun jista' jammira proġettazzjoni u effetti tad-dawl maħluqa mill-artist stabbilit Għawdxi, Austin Camilleri. Wara t-tmiem tal-kunċert ser issir ikla gala akkumpanjata minn mużika klassika li ser tindaqq minn *Chamber Orchestra*. Għal dawk il-Maltin li ser jattendu għal din is-serata, id-Diriġenti Ta' Ċenċ Hotel iddeċidew li bi prezz speċjali wieħed ikun jista' jqatta' lejl jew tnejn fl-istess lukanda, billi jaħbat ukoll *long weekend*.

## *Il-Ħames Anniversarju*

*Schola Cantorum Jubilate* ġiet imwaqqfa f'Awissu tas-sena tal-Ġublew, is-sena 2000. U għalhekk, is-sena 2005 se tkun waħda speċjali, għax jaħbat il-ħames anniversarju mit-twaqqif ta' dan il-kor żagħżugħ. Ta' min isemmi li l-Kumitat Organizzattiv għaddej bi tħejjija kontinwa biex jippreżenta programm ta' attivitajiet mużikali matul is-sena 2005. Kif semmejna qabel, se tkun proprju *"Carols by Candlelight"* li se tiftaħ dawn l-attivitajiet. Għal dan l-anniversarju speċjali, l-artist żagħżugħ Clive. A. Refalo iddisinja wkoll *logo* ta' l-okkażjoni li se jintuża matul din is-sena fuq pubblikazzjonijiet lokali.

## *Il-Kor u l-Karità*

Bit-twemmin li l-mużika tfawwar qalb il-bniedem bl-imħabba, l-i*Schola Cantorum Jubilate* torganizza din is-serata b'serjetà u tikkommetti ruħha għal xogħol iebes u impenjattiv. Nistgħu ngħidu li l-laqgħat ta' dawn iż-żgħażagħ waqt ħafna provi u kunċerti joħolqu sens ta' għaqda, ħbiberija sinċiera u lealtà u jippruvaw jgħadduha lis-semmiegħa permezz tal-kant li joħroġ mill-qalb. Bħal ħafna entitajiet oħrajn, l-i*Schola* tkun minn ta' l-ewwel biex tgħin lill-għaqdiet filantropiċi bis-servizzi tagħhom, u xi drabi finanzjarjament. Bħas-sena l-oħra, il-profitti miġburin minn din is-serata ser jingħataw lil "Dar Ġużeppa Debono" t'Għajnsielem, Għawdex. Matul is-snin din id-dar żiedet il-faċilitajiet tagħha biex tkompli taqdi u tagħti servizz lil dawk li jitolbu l-għajnuna. F'din d-dar insibu nies professjonali u voluntiera li jipprovdu servizzi differenti lill-ommijiet, missirijiet u familjari oħra bi problemi ta' trabi li jiġu barra ż-żwieġ. Inħoloq ukoll servizz ta' sapport immexxi minn avukat, psikjatra, membri għall-kura tas-saħħa u grupp ta' ommijiet. Dan l-aħħar, qed jorganizzaw is-servizz tal-'*fostering*'.

## *L-Oriġini tal-'Carols by Candlelight'*

Kienet proprju lejlet il-festa tal-Milied tas-sena 1937, meta nibtet l-idea mill-veteran tar-radju Norman Banks ta' "*Carols by Candlelight*". Hu kien miexi mit-triq imsemmija St. Kilda, ġewwa Melbourne, wara li ħareġ minn xogħlu tard bil-lejl, fejn lemaħ mara xiħa qegħda ġol-kamra tas-sodda tagħha b'xemgħa f'idha u radju maġenba. Din il-mara xwejħa b'wiċċha jiddi bid-dawl tax-xemgħa kienet qed tkanta flimkien ma' "*Away in a Manger*", '*carol*' popolari ferm fi żmien il-Milied. Din ix-xena tant impressjonat lil Banks li daħħal f'moħħu li f'lejlet il-Milied 1938 jipprepara serata ta' '*carols*' famużi, għax ried li jgħaqqad lin-nies u jaqsam magħhom il-ferħ kbir li jġibu dawn il-'*carols*'. L-idea ntogħġbot ħafna. Kienu eluf ta' nies, madwar 10,000 persuna, li nġabru f'nofs il-lejl ġewwa l-ġnien magħruf bħala Alexandra biex flimkien ma' kor qawwi ta' 30 vuċi, imdawrin b'eluf ta' xemgħat, jaqsmu din l-esperjenza ġdida ta' "*Carols by Candlelight*". Dan kien propju t-twelid ta' tradizzjoni ġdida għal żmien il-Milied. Għalkemm ix-xemgħa tas-sena 1938 inħarqet, nistgħu ngħidu li permezz tagħha nxtelgħet xemgħa oħra madwar id-dinja kollha, għax inħolqot tradizzjoni annwali f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja. Bl-istess tema u spirtu, l-i*Schola Cantorum Jubilate* għamlet l-istess, meta introduċiet għall-ewwel darba din it-tradizzjoni fil-gżejjer tagħna, biex b'hekk il-Maltin u l-Għawdxin ikunu jistgħu wkoll jesperjenzaw dawn il-mumenti natalizji permezz tal-kant tal-'*carols*' għad-dawl tax-xema'.

## *Il-Carols tal-Milied*

Il-'*carols*' tal-Milied huma bbażati kollha fuq liriċi kristjani u relatati mat-twelid ta' Ġesù Bambin. Fis-seklu 12, San Franġisk t'Assisi introduċa dawn l-innijiet natalizji waqt is-servizzi liturġiċi. Il-kelma '*carol*' ġejja mill-kelma franċiża '*caroller*' li tfisser danza madwar ċirku. Ġewwa l-Ingilterra, il-protestant Oliver Cromwell ipprojbixxa l-kant tal-'*carols*'. Dan wassal biex ħafna mużika antika intilfet maż-żminijiet. Nistgħu ngħidu li l-'*carols*' tal-Milied reġgħu kisbu l-popolarità fl-Era Vittorjana meta n-nies reġgħu bdew igawdu l-gost tal-mużika u l-kant li dawn il-'*carols*' kienu joħolqu. Meta bdiet tiġi osservata r-reliġjon fl-Istat Uniti u fl-Ingilterra, il-popolarità ta' dan il-kant natalizju kiber fiż-żewġ pajjiżi fil-bidu tas-seklu 19. Nhar is-Sibt 11 ta' Diċembru, l-i*Schola Cantorum Jubilate* sejra tippreżenta varjetà kbira ta' '*carols*' ta' żminijiet u tradizzjonijiet differenti. L-interpretazzjoni tal-'*carols*' li se jagħti l-kor tibda minn dawk li llum nistgħu nsejħulhom il-klassiċi tradizzjonali, fejn fosthom insibu "*Silent Night*", "*O Holy Night*", "*O Come All Ye Faithful*", u oħrajn. Fil-programm ser nisimgħu wkoll motetti sagri mill-Era Rinaxximentali; jiġifieri kompożizzjonijiet tas-seklu 15. Fosthom insibu "*Cantate Domino*" tal-kompożitur Croce, "*Psallite*" u "*En Natus Est Emmanuel*" ta' Praetorius, flimkien ma' oħrajn kontemporanji bħal "*Christmas Lullaby*" miktuba mill-kompożitur Ingliż John Rutter. Ma nistgħux inħallu barra l-għanjiet tradizzjonali ta' pajjiżna. Il-Kumitat Organizzattiv inkluda wkoll l-għanja tradizzjonali Maltija tant popolari – "*Ninni la tibkix iżjed*" miktuba minn Patri Indri Schembri s.j. F'dan il-programm se nisimgħu lill-kor ikanta xi '*carols*' li se jiġu akkumpanjati minn Mro. Stephen Attard bid-daqq tal-orgni, orgni, u oħrajn ser jiġu kantati '*a cappella*'. Ikun hemm ukoll orkestrina li takkumpanja lill-kor waqt diversi għanjiet kif ukoll waqt l-ikla gala.

## *Il-Post ta' l-Avveniment*

Il-lukanda Ta' Ċenċ ġewwa Sannat, hija ddisinjata biex titħallat mas-sbuħija tan-natura u tipprovdi atmosfera ta' mistrieħ u lussu. Fl-entratura ta' din il-lukanda wieħed isib torri li jissimbolizza wkoll l-istess lukanda. Fl-antik, dan it-torri kien 'kalkara', jiġifieri jintuża biex fih jitfarrku blokki tal-ġebel artab u eventwalment isir il-ġir li kien ta' użu siewi għall-bennejja ta' dak iż-żmien. Il-palazz li hemm maġenb il-lukanda huwa magħruf bħala Palazzo Palina. Skond ħafna storiċi, dan kien mibni fil-perjodu ta' bejn l-1697 u l-1720. Ta' min isemmi li f'dan iż-żmien, il-gżejjer Maltin kienu mmexxija mill-Gran Mastru Ramon Perellos Y Roccaful li fl-istess palazz instabet ukoll l-arma tiegħu.



U hekk kif id-dawl tax-xemgħat jixgħel id-dlam tal-lejl, dan l-avveniment mużikali jixgħel u jfawwar il-qalb bil-paċi u jimla r-ruħ bl-ispirtu ferrieħi tal-Milied.

# Konferenzi Speċjalizzati miċ-Ċentru Spiritwalità Tereżjana f'Għawdex

**Din is-sena se nerġgħu norganizzaw f'Għawdex xi konferenzi li jittrattaw dwar l-ispiritwalità Karmelitana Tereżjana, u li jkunu se jsiru jew ġa saru fiċ-Ċentru f'Malta. Din is-sena dawn il-konferenzi se jsiru fis-Sala tal-Konferenzi tal-'Lumen Christi' Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria Tel: 2156 0496, nhar ta' Ġimgħa fil-5.00 p.m. minn Jannar sa April u minn Novembru sa Diċembru, u fis-6.00p.m. f'Ġunju, Lulju u Settembru. Il- programm għal din is-sena hu dan li ġej:**





• **Il-Ġimgħa 28 ta' Jannar fil-5.00p.m.**- Victoria, Għawdex, fis-Sala tal-Konferenzi 'Lumen Christi': konferenza *It-Talb fil-knisja tal-bidu u f'S. Tereża ta' Ġesù (1)* minn P. Alfred Grech OCD.

Nagħtu ħarsa ħafifa biex naraw x'inhu t-talb, x'kienet tfisser il-ħajja ta' talb fil-knisja tal-bidu u x'tip ta' formazzjoni fit-talb kien ikollhom il-katekumeni qabel ma kienu jirċievu l-Magħmudija. Naraw ukoll kif bdew il-Patrijiet tad-Deżert u l-ħajja ta' talb tagħhom.

• **Il-Ġimgħa 11 ta' Frar fil-5.00p.m** –Victoria Għawdex, fis-Sala tal-Konferenzi "Lumen Christi": konferenza *It-Talb fil-Knisja tal-Bidu u f'S. Tereża ta' Ġesù (2)* minn P.Alfred Grech OCD. F'din il-konferenza se nitkellmu dwar it-talb Tereżjan kif għexitu u ħasbitu S. Tereża ta' Ġesù. Se naraw kif il-veru metodu ta' talb, Tereżjan hu li toqgħod "fil-kumpanija ta' Ġesù". Nitkellmu wkoll fuq il-metodu klassiku tat-talb Karmelitan u kif S. Tereża ta' Ġesù tissuġġerixxi "metodu" ta' talb prattiku, utli għal kulħadd.

• **Il-Ġimgħa 18 ta' Marzu fil-5.00p.m** – Victoria, Għawdex, fis-Sala tal-Konferenzi "Lumen Christi": konferenza *L-Ewkaristija fil-Messaġġ ta' Tereża ta' Lisieux: Is-Sagrament tat-Triq iċ-Ċkejkna* minn P.Manwel Schembri OCD.

Sa minn tfulitha, Therese ta' Lisieux ħassitha qrib l-Ewkaristija. Il-missjoni tagħha li ssalva l-erwieħ sabitha fil-mument tagħha tat-talb, iżda ġiet imlaħħma f'żewġ mumenti kruċjali ta' ħajjitha marbuta ma' l-Ewkaristija. Għaliha, Ġesù Ewkaristija kien "l-Atomu Ċkejken", fejn Alla l-Qawwi juri l-kobor tiegħu meta jsir dgħajjef u jobdi għal-leħen tas-saċerdoti. L-Ewkaristija ma kenitx biss devozzjoni, imma programm ta' ħajja. Ġesù nnifsu ħa ħsieb li jħallilna Sagrament li jiġbor fih it-Triq iċ-Ċkejkna tat-Tfulija Spiritwali.

• **Il-Ġimgħa 29 ta' April fil-5.00p.m** – Victoria, Għawdex, fis-Sala tal-Konferenzi "Lumen Christi": konferenza *L-Ewkaristija fil-Ħajja u fil-Kitbiet tal-Beata Elizabetta tat-Trinità* minn P. Juan DeBono OCD.

Il-Konċilju Vatikan II jgħallimna li "l-Ewkaristija hi l-għajn u l-quċċata tal-ħajja nisranija kollha" (LG 11). Prova ċara hi l-ħajja tal-Beata Eliżabetta tat-Trinità. Din il-qaddisa li mietet fl-1906, fl-età ta' 26 sena, mhux biss kellha ħajjitha immarkata minn mumenti ewkaristiċi importanti ħafna, imma wara li fehmet eżattament x'inhi l-Ewkaristija għexet kull ċirkostanza ta' ħajjitha minn prospettiva ewkaristika. Bir-raġun kollu li Patri Konrad De Meester, l-aktar wieħed li qatt daħal f'kuntatt mal-kitbiet tal-Beata, jiddefinixxi lil Beata Eliżabetta tat-Trinità bħala "Eliżabetta ta' l-Ewkaristija".

• **Il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju fis-6.00 p.m.** – Victoria, Għawdex, fis-Sala Konferenzi "Lumen Christi": konferenza *L-Appostlu ta' l-Ewkaristija: Il-Beata M.Kandida ocd* minn P.Wistin Vella OCD.

Intqal li l-Beata M.Kandida ta' l-Ewkaristija hija l-aktar karmelitana ġenjali u oriġinali f'dik li hija spiritwalità ewkaristika. Għexet qrib it-tabernakli. Issieħbet fi preżenza reali ta' Ġesù. Kulma tmur qieset lilha nfisha bħal Marija oħra li tħares u twassal lil Ġesù Ewkaristija lill-bnedmin kollha...

Damet għoxrin sena tistenna biex tidħol fil-klawsura karmelitana tereżjana f'Rausa, Sqallija, għax il-ġenituri kienu kuntrarju li hija ssir reliġjuża. B'rassenjazzjoni u b'sens ta' missjoni daret mal-ġenituri tagħha għal snin twal. U meta mietu u setgħet taqta' xewqitha, ħutha abbandunawha, bla qatt ma ttawlu fil-grada tal-monasteru biex jarawha. Iżda sabet komunità li ħabbitha u kmieni wara l-professjoni tagħha għażluha biex tkun prijura tagħhom u damet taqdi bħala omm u għalliema għal 24 sena sħaħ. Il-bastun u l-għan ta' ħajjitha kien Ġesù Ewkaristija...



• **Il-Ġimgħa 15 ta' Lulju fis-6.00 p.m.** – Victoria, Għawdex, fis-Sala tal-Konferenzi "Lumen Christi": konferenza "*O Fjamma ħajja ta' mħabba". Id-dinamika tal-imħabba pura skond San Ġwann tas-Salib* minn Rita Grima.

Minn fost ix-xogħolijiet ta' San Ġwann tas-Salib, xejn daqs il-Fjamma Ħajja ta' Mħabba ma tikxfu bħala n-namrat per eċċellenza ta' Alla. Dan id-diskors jagħti dawl fuq xi tfisser tinnamra mal-Ħallieq tiegħek u fejn twassal l-imħabba pura li minnha jitkellem tant tajjeb San Ġwann tas-Salib f'din il-poeżija tiegħu.

• **Il-Ġimgħa 30 ta' Settembru fis-6.00 p.m.** – Victoria, Għawdex, fis-Sala Konferenzi "Lumen Christi": konferenza *Niltaqgħu kuljum fiċ-Ċentru. L-Ewkaristija fil-ħajja karmelitana* minn P.Alexander Vella O.C.



Ir-regola karmelitana titlob li jinbena oratorju f'nofs iċ-ċelel fejn l-aħwa jiltaqgħu ta' kull filgħodu għall-quddiesa. Dan l-ordinament hu mimli simboliżmu u jagħti tonalità partikulari lill-Ewkaristija fit-tradizzjoni karmelitana. Wara li neżaminaw dan fid-dettall, nieqfu fuq xi rappreżentanti kwalifikati tat-tradizzjoni karmelitana biex naraw x'kienet tfisser għalihom l-Ewkaristija .

• **Il-Ġimgħa 25 ta' Novembru fil-5.00 p.m.** – Victoria, Għawdex, fis-Sala tal-Konferenzi "Lumen Christi": konferenza *S. Ġwann tas-Salib u l-Arti* mill-Prof. Dun Peter Serracino Inglott.



# Il-Ġrajja tal-Milied

VERSI RIFLESSIVI

*Intom tafu, ja ħbieb tiegħi,*
*sew tal-bogħod u kemm tal-qrib,*
*illi fostna reġa' magħna*
*il-Milied ta' l-aqwa Sid.*

*Iva ħbieb, il-ħolqien kollu*
*qiegħed jifraħ bit-twelid*
*ta' Ġesù ċkejken tarbija,*
*għajn ta' mħabba, għana, ġid.*

*Biex jifdina u jsalvana*
*il-Bambin twieled fil-faqar*
*ġo benniena, fuq ftit tiben,*
*xejn ma kellu biex jinsatar.*

*Il-lejl kien kiesaħ u xitwi,*
*ma kont tilmaħ l-ebda ruħ;*
*ċappa dlam taqtgħu b'sikkina*
*il-ħolqien, sieket, mitruħ.*

*Ħin bla waqt, qtajja' ta' anġli*
*dawlet, xegħlet lis-smewwiet;*
*f'tebqa t'għajn il-ħajja stejqret,*
*l-arja bl-għana dlonk imtliet.*

*Aħbar tajba lill-qlub kebbset:*
*"F'Betlem twieled il-Bambin.*
*Ejjew lilu nagħtu qima,*
*għaġġlu fis, titilfux ħin!*

*Ġewwa stalla lilu ssibu:*
*araw ftit l-għaġeb li sar :*
*tifel ċkejken fil-bard rieżaħ,*
*lilu jsaħħnu baqra u ħmar".*

*Għarkupptejhom hemm ir-ragħajja*
*sabiex Lilu jadurawh.*
*Tfaċċaw dlonk is-Slaten Maġi,*
*deheb, inċens u mirra tawh.*

*Bambin ċkejken, aħna wliedek*
*f'dan il-jum x'sejrin nagħtuk?!*
*Qalbna mfawra kollha mħabba,*
*tiegħek nibqgħu, inwiegħduk.*

*Ejja twieled ġewwa djarna,*
*itfa' l-ankri, toħroġ qatt;*
*irriduk li tgħammar f'qalbna,*
*ma jifridna minnek ħadd!*

*Keċċi l-gwerer, nessi l-firda*
*Li qegħdin ifarrku 'l ġnus;*
*Milied 'tina, t'hena u paċi,*
*o Bambin ħelu w gustus!*

**Kav. Joe M. Attard**
**Diċembru 2004**



# Mater Dei

*Kollok kemm int tassew sabiħa u pura,*
*Isbaħ mill-qamar u mix-xemx fid-dija,*
*Ogħla mill-anġli f'dik li hi qdusija,*
*M'hawnx oħra bħalek, l-ebda kreatura.*

*Int l-għaxqa t'Alla u żîna tan-natura*
*Li rġajt sebbaħt bi ġmielek wara l-ħtija.*
*Int l-omm għażiża ta' Ġesù Messija*
*Li minnek ried ta' bniedem jieħu s-sura.*

*Biex jieħu ġisem bħal dak l'inti tajtu,*
*Nadif bħal tiegħek li bix-xemx inkesa,*
*int biss ridt tkun, ħadd ħliefek, fost in-nisa.*

*Għalhekk min jaf meta quddiemek rajtu,*
*kemm bews minn fommok ħareġ għal fuq fommu,*
*waqt li sejjaħlek bl-isem ħelu t'ommu!*

**Mons. Giuseppe Farrugia Gioioso**
**1887-1969**

## IS-SENA EWKARISTIKA, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, U L-MAĠI

### Il-Messaġġ tal-Papa għall-Jum Mondjali taż-Żgħażagħ, li se jsir f'Cologne (il-Ġermanja) f'Awissu 2005 bit-tema:

# "ĠEJNA NADURAWH"

Billi din hija s-Sena tal-Ewkaristija u billi f'Cologne skond tradizzjoni antika jiġu meqjuma r-relikwiji tas-Slaten Maġi, il-Papa jappella liż-żgħażagħ biex ikunu **IL-MAĠI TAT-TIELET MILLENJU**, li jimxu pass pass fuq it-triq li qabdu huma ħalli jfittxu u jsibu u jaduraw lil **ĠESÙ L-MESSIJA**.



**1. TELQU**

*"Telqu" (Mt.2)*

Ħallew kollox u bdew vjaġġ twil u iebes. Bħalhom intom, żgħażagħ tad-dinja, intom wkoll qed titħejjew biex tagħmlu dan "il-vjaġġ' biex tiltaqgħu ma' Kristu.

**2. IMXEW**

*"Imxew wara kewkba" (Mt 2.9)*

Waslu Betlehem għax ħallew il-kewkba tiggwidahom.

"Meta raw l-kewkba, mtlew b'ferħ kbir (Mt 2.10). Meta nħallu Lilu jmexxina, qalbna tfur b'ferħ kbir u ġenwin.



**3. RAW**

*"Daħlu u raw lit-tifel ma' ommu Marija" (Mt 2.11)*

Għarfu li hu l-IBEN WAHDIENI ta'Alla.

Stagħġbu quddiem Alla

"li għad li kien għani, ftaqar" (2 Kor 8.9)

**4. SABU**

*"Sabu lil Ġesù f'Betlehem, id-dar tal-Ħobż", hu li sejjaħ lilu nnifsu "Jiena l-Ħobż tal-Ħajja". (Ġw 6.35)*



Dan l-istess Ġesù ta' Betlehem hu preżenti fis-Sagrament tal-Ewkaristija.

Fil-maxtura ta' Betlehem kien moħbi taħt id-dehra ta' tarbija. Illum insibuH fl-Ostja Ikkonsagrata u nadurawH sagramentalment preżenti bil-ġisem, bid-demm, bir-ruħ u bid-divinità... Hu joffri lilu nnifsu lilna bħala "il-ħobż tal-ħajja ta' dejjem".



***APPELL*: Il-Quddiesa għalhekk issir l-appuntament ma' Dak li ta lilu nnifsu kollu kemm hu għalina. Ersqu lejn is-Sagrament tal-Altar, speċjalment f'din is-Sena tal-Ewkaristija.**

**Hemm insibuH magħna DEJJEM!**

## Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.




### 5. ADURAWH

*"Inxteħu fl-art jadurawh" (Mt 2.11)*
Fil-maxtura l-Maġi GĦARFUĦ U ADURAWH bħala l-Messija.
Aħna llum nistgħu NADURAWH FL-EWKARISTIJA u NAGĦRFUH bħala l-ĦALLIEQ, L-UNIKU MULEJ U FEDDEJ TAGĦNA.

### 6. OFFREW

*"Fetħu l-kaxxi tat-teżori u OFFREWLU bħala rigali, deheb, inċens u mirra. "(Mt 2.11)*
Ir-rigali li offrew ifissru l-vera ADORAZZJONI
Bid-**Deheb** adurawh bħala Alla.
Bl-**Inċens** stqarrewh bħala Saċerdot Etern.
Bil-**Mirra** stqarrewh bħala l-Profeta li jxerred demmu biex iħabbeb l-umanità ma' Alla l-Missier.

*Appell liż-Żgħażagħ*
Għeżież żgħażagħ, offru intom wkoll lill-Mulej:
- ♦ **Id-deheb ta' ħajjitkom**; jiġifieri il-libertà li timxu warajh bl-imħabba.
- ♦ **L-inċens: it-talb tagħkom ta' kuljum.**
- ♦ **Il-mirra: il-gratitudni tagħkom lejH.**

### 7. QABDU TRIQ OĦRA

*"Imbagħad qabdu triq oħra u reġgħu lura lejn arthom (Mt 2.12)*
Din il-bidla fir-rotta tfisser il-*Konverżjoni*. X'titlob minna?
♦ *Naduraw* lil Alla "fl-ispirtu u l-verità (Ġw. 4.23)
♦ *Noffru* ġisimna b'sagrifiċċju ħaj qaddis, li jogħġob lil Alla.
♦ ***Ma nimxux max-xejra ta' did-dinja*** iżda nibdlu l-fehmet tagħna biex nagħrfu x'inhi r-rieda ta' Alla, x'inhu li jogħġbu, u x'inhu perfett (Rum. 12. 1-2).
♦ ***Nagħmlu għażla tajba*** f'ħajjitna:
a. Hemm il-vokazzjoni għall-ħajja saċerdotali jew ikkonsagrata. Ngħidulu "Iva" jekk isejħilna.
b. Hemm wkoll il-vokazzjoni ordinarja li ġejja mill-magħmudija. Ngħixu l-ħajja nisranija fi "*standard* għoli", jiġifieri fil-qdusija.

***Attenti mill-Idolatrija***
ADURAW LIL ALLA WIEĦED U VERU, agħtuh l-ewwel post f'ħajjitkom.
*Għalhekk oqgħodu attenti*
- Minn riti reliġjużi li ma jaqblux mal-fidi nisranija
- Mill-idoli tas-suċċess u tal-poter.
- Minn ideat mgħawġa dwar Alla (bħal dawk ta' "*New Age*")
- Minn illużjonijiet foloz u modi fiergħa.
- Mill-ħajriet tal-għana, konsumiżmu u vjolenza sottili ippreżentati lilkom mill-*Mass Media* laxka.

**ADURAW LIL KRISTU BISS!**
**HU L-BLATA LI FUQU TIBNU L-FUTUR TAGĦKOM U DINJA AKTAR ĠUSTA.**
**HU L-PRINĊEP TAL-PAĊI!**



### 8. TAW XIEHDA

Meta niltaqgħu ma' Kristu u nilqgħu l-Vanġelu Tiegħu, ħajjitna tinbidel. U nħossuna mbuttati biex ngħaddu lill-oħrajn l-esperjenza tagħna u ngħidulhom dak li rajna aħna f'ħajjitna. **Għad hawn ħafna nies li għadhom ma jafux kemm iħobbhom Alla, u għalhekk jibqgħu 'l bogħod Minnu.**

Hu għalhekk meħtieġ u urġenti li aħna **nagħtu xhieda quddiemhom** u nuruhom kemm iħobbhom Kristu. Inkunu messaġġiera tal-Verità Tiegħu.

**GĦELUQ**

**Fil-vjaġġ tagħkom, *Marija, "Il-Mara ta' l-Ewkaristija"* -tmexxi l-passi tagħkom lejn Ġesù, -iddawwalkom fid-deċiżjonijiet tagħkom, -u tgħallimkom tħobbu *dak li hu Veru, dak li hu Tajjeb, dak li hu Sabiħ.***



BOOKMARK

# L-INŻUL U T-TLAJJA TA' ĦAJJA MQALLBA

**Kan. Joe Mejlak: "RWIEFEN", Victoria 2004, A&M Printing, pp.114, Lm2.**




Biex ifakkar is-sittin sena tiegħu, il-Poeta Għawdxi l-Kan. Joe Mejlak, nepputi tal-Poetessa Għawdxija Mary Mejlak, li s-sena d-dieħla tagħlaq 100 sena minn twelidha u 30 sena minn mewtha, dan l-aħħar ippreżenta lill-pubbliku t-tieni ktieb tal-poeżiji tiegħu bl-isem ta' "Rwiefen".

Kif jistqarr il-poeta nnifsu fid-daħla tal-ktieb, huwa ta dan l-isem lil din il-pubblikazzjoni tiegħu għaliex f'din id-damma ta' poeżija Mejlak jesprimi dak kollu li ħass f'qalbu matul l-inżul u t-tlajja' tal-ħajja mqallba tiegħu li ħabbtu fuqu bla ħniena. Fi "Rwiefen" qed jidhru wħud mill-poeżiji tiegħu li kienu għadhom ma rawx id-dawl ta' l-istampa.

Is-Sur Carm Cachia, għalliem tal-Malti fl-iskola Post Sekondarja Sir M'Anġ Refalo ta' Victoria, fl-istudju li għamel lil Mejlak għal din il-ġabra ta' poeżiji, jistqarr li minn bejn il-versi ta' dawn il-poeżiji, joħroġ ritratt fidil ħafna tal-Kan. Joe Mejlak, il- karattru tiegħu, jifhem aħjar x'ġagħlu jiktibhom u kultant jinduna bi bnadi oħra , aktarx oskuri, li forsi l-poeta nnifsu ma jkunx jaf li jeżistu.

Il-kritiku jsostni li minħabba s-sena li tressqu lejn it-tmiem li jħoss il-poeta, il-poeżija hija krepuskolari għaliex fiha donnu jinsab maqbud bejn dawl u dlam, bejn ħajja u mewt, tant li l-qarrej jieħu idea ta' ambjent kjar-oskur. U dan kollu jidher ċar f'uħud mill-poeżiji li qed jidhru fi "Rwiefen".

Iżda mill-pessimiżmu li jispikka f'dawn ix-xogħolijiet u oħrajn simili, jitfaċċa wkoll l-aspett tat-tama , il-lat pożittiv. Infatti, għalkemm f'xi poeżiji joħrog is-sens qawwi ta' qtigħ il-qalb, dan il-qtigħ il-qalb hu marbut mal-ħajja ta' din id-dinja. Is-saċerdot- poeta jagħraf isib it-tama fil-ħajja ta' wara l-mewt. Meta huwa jħoss li l-piż tal-vjaġġ fuq din l-art qiegħed jagħfas sewwa, hu jħares lil hinn mill-mewt għal ħajja aħjar.

Ħaġa oħra li ttajjar l-arja negattiva li hemm f'ħafna mill-poeżija tiegħu hija l-istess ġibda poetika li għandu l-poeta, li jħossu kburi li hu poeta u l-lehma poetika li jħoss li għalih hi bħal vokazzjoni oħra.

Cauchi jkompli jikkummenta li minkejja li f'din il-ġabra ta' poeżiji, Mejlak aktar jidher bħala poeta realistiku- modern milli tradizzjonali – romantiku, il-vena romantika fil-poeżija tiegħu titfaċċa kull tant u tant. F'dawn il-poeżiji, Mejlak juri sens qawwi ta' nostalġija lejn il-passat remot li għalkemm kien sabiħ ħafna kien qasir wisq, intemm darba għal dejjem u f'qalb il-poeta ħalla bħal vojt li mhux la kemm jimtela. Hu jitbekka, fost oħrajn, il-mumenti sentimentali ta' l-ewwel imħabba li sqietu ftit pjaċir u tant morr.

F'Mejlak jinħass ukoll l-aspett patrijottiku u iktar u iktar l-aspett reliġjuż, l-iktar meta huwa jiftaħ qalbu mal-Mulej, li fih hu għandu fidi kbira. Minkejja d-dalma li taħkmu, hu jaf li l-Mulej għad ipattilu tagħha meta jurih id-dawl wara din il-ħajja. Il-Kanonku għandu wkoll għadd ta' poeżiji ddedikati lill-Madonna flimkien ma' numru sabiħ ta' oħrajn li huwa kiteb għal okkażjonijiet speċjali.

Il-Poeta Mejlak xi ftit jew wisq għadu marbut ma' l-istil tradizzjonalista tal-Letteratura Maltija tal-ħamsinijiet. Huwa juri ħila fit-tħaddim tal-lingwa, fl-għażla tal-kelma u l-għalqa semantika li jagħmel użu minnha, aktarx li għandha mis-semitiku aktar milli mir-rumanz, filwaqt li l-aspett anglo-sassonu ma jidher imkien.

Jekk trid issir taf lil Joe Mejlak "*inside out*", ħu f'idejk l-aħħar pubblikazzjoni tiegħu "Rwiefen" u mbagħad kellimni!

**Kav. Joe M. Attard**

**John Portelli Enterprises Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

Arkivju Nazzjonali Għawdex
Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -130
Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2004

# BATTIKATA GĦAD-DIFIŻA TA' GĦAWDEX

Id-dokument numru mija u tletin li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex għandu x'jaqsam ma' spiża magħmula mħabba d-difiża tal-gżira. L-ispiża tinsab reġistrata fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-*Universitas* ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1704–1705), folju 18r (NAG, UG, Acta, 9/1704–1705, f. 18r).

Din li ġejja hi traskrizzjoni ta' l-ewwel parti tad-dokument:

**Signore Notaio Aloysio Grech, giurato e tesoriere di questa Università del Gozo riceverete l'infrascritta somma che havete speso per le due cannoni mandati da Malta per il Torre Dwejra, come siegue ...**

B'din id-daħla tibda l-lista ta' l-ispiża li għamlet l-*Universitas* biex inġarru żewġ kanuni tal-ħadid minn Malta għat-torri tad-Dwejra, Għawdex. Il-kanuni kienu mogħtija lill-Universitas mill-Kavallieri ta' San Ġwann.

It-torri tad-Dwejra, li jiġi fuq ir-riħ ta' Ħaġret il-Ġeneral u l-port tad-Dwejra, inbena mill-istess *Universitas* fis-sena 1652. It-torri għandu bażi ta' kemm kemm iktar minn tnax-il metru kwadru, waqt li l-ħitan għandhom ħxuna ta' kważi tliet metri u nofs.



L-ispiża għall-ġarr tal-kanuni mill-Port il-Kbir sad-Dwejra telgħet b'kollox sittax-il skut u disgħa rbgħajja, qrib 3.50, ma' Lm1.50. Il-flus intefqu kif ġej.

- Disgħa rbgħajja lil Dumink Pace talli għamel sitt vjaġġi biex refa' l-kanuni minn fejn kienu Malta għal fuq il-barkun li bih inġabu Għawdex;
- Tliet skuti u sitt rbgħajja lil Ċensu Zirafa li ma' gaj ta' erbatax-il raġel għenu fl-irfiegħ tal-kanuni Malta u, imbagħad, fil-ġarr tagħhom mill-Imġarr, Għawdex, sat-torri tad-Dwejra;
- Sitt rbgħajja lil Toni Pace u Dumink Pace, żewġ burdnari, li għamlu żewġ vjaġġi mill-Imġarr sat-Torri tad-Dwejra u lura, erba' vjaġġi b'kollox, bl-irkaptu jew l-attrezzi għat-tlugħ tal-kanuni fuq it-torri;
- Tnax-il skut lill-Mastru Mikiel D'Andalona, li ħa ħsieb il-kiri u l-ħlas tal-barkun u tal-karru għall-ġarr tal-kanuni minn Malta għall-Imġarr u mill-Imġarr għad-Dwejra.

Battikata mhux żgħira fi żmien li ftit li xejn kien hawn toroq, li l-ftit li kien hawn kienu kollha ħofor u żrar, u li l-irfiegħ u l-ġarr ried isir kollu min-nies u bil-bgħula. Din il-ħidma u l-ispiża marbuta magħha jixhdu li l-Università qatt ma qagħdet lura biex toffri l-aħjar ħarsien possibbli lill-poplu Għawdxi.

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (32)



# IT-TRINITÀ QADDISA Misteru Ewlieni

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

*(Jaqbad mal-aħħar ħarġa)*

## TIFSIR TAT-TERMINOLOĠIJA

**Biex tista tifformula d-domma tat-Trinità, l-Knisja kellha tiżviluppa terminoloġija apposta, billi tieħu ċerti konċetti u nozzjonijiet ta' oriġini filosofika, bħalma huma "sustanza", "persuna", "ipostasi"u "relazzjoni". Iżda l-misteru jibqa' dejjem xi ħaġa li l-moħħ tal-bniedem ma jistax jifhem u l-filosofija u r-raġuni umana ma jaslu qatt biex ifissruh. Hemm ukoll termini oħra li nsibuhom fit-trattat dwar it-Trinità u li jeħtieġu li jiġu spjegati, bħal ma huma "proċessjoni " u "missjoni".**

Għad li dan it-tifsir dwar "natura" u "persuna" diġa ġie mgħoti qabel fit-taqsima dwar "il-Persuna Divina ta' Kristu", ta' min iżid jgħid li:

(i) Ħafna drabi, bil-kelmiet "sustanza", "natura" jew "essenza" nifhmu l-istess realtà. Kif josserva il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (n. 252): "Il-Knisja tuża l-kelma 'sustanza' u xi kultant flokha tuża l-kelma 'essenza' jew 'natura' biex tfisser l-Esseri ta' (Dak li hu) Alla wieħed; tuża l-kelma 'persuna' jew 'ipostasi' biex tfisser il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, fl-għażla tassew tagħhom minn xulxin; u tuża l-kelma 'relazzjoni' biex tfisser li d-distinzjoni jew l-għażla bejniethom tiġi mill-mod kif huma għal xulxin."

"In-natura" hija r-realtà li biha s-suġġett jista' jeżisti, jgħix u jaġixxi. F'kull bniedem hemm natura u persuna waħda, għad li ma humiex u ma jfissrux l-istess ħaġa f'Alla, imma n-natura jew l-essenza hija waħda, waqt li l-persuni huma tlieta.

(ii) Rigward il-konċett ta "persuna", mir-rivelazzjoni nafu li hemm distinzjoni jew għażla reali bejn natura u persuna, għaliex fi Kristu hemm żewġ naturi, umana u divina, imma persuna waħda, dik ta' l-Iben t'Alla. Minn dan nikkonkludu li f'Alla, natura u persuna huma realment magħżulin minn xulxin.

Il-kelma "persuna" użata b'riferenza għal Alla, ġiet definita mill-Knisja ħafna drabi u b'mod ċar f'diversi mill-Konċilji li semmejna. Mill-aspett teoloġiku, "persuna" hija sustanza jew realtà intelliġenti u individwali, jiġifieri li hija waħda fiha nfisha u distinta mill-oħrajn.

Boezio tana d-definizjoni klassika "*Persona est naturae rationalis, individua (incommunicabilis) substantia*" - Il-persuna hija sustanza jew realtà, individwali u inkommunikabbli ta' natura intelletwali. Għalhekk ma tistax tkun persuna, ħaġa jew realtà li hija nieqsa mir-raġuni u mill-volontà u li m'għandhiex element spiritwali. Il-persuna hija s-suġġett jew dak li jeżisti, jgħix u għandu l-atti jew għemejjel tiegħu.

(iii) Meta nghidu "relazzjoni" nifhmu xi konnessjoni jew rabta li jista' jkun hemm bejn żewġ ħwejjeġ jew żewġ persuni u dawn jissejħu t-"termini" jew truf tar-relazzjoni. Nesprimu relazzjoni bejn żewġ bnedmin, meta ngħidu: "dan jiġi mill-ieħor u x'jiġi minnu". Ir-relazzjoni tista' tkun jew reali, jekk hija mibnija fuq dak li jeżisti realment, jew loġika jekk tiddependi jew hija mibnija unikament fuq il-ħsieb; fi kliem ieħor, hija reali meta l-fundament tagħha jeżisti u mhux fil-moħħ biss; tkun relazzjoni mentali, meta l-fundament tar-relazzjoni ikun sempliċi konċett jew huwa ħsieb biss. Hekk ir-relazzjoni bejn l-għalliem u l-istudenti, bejn il-ġenituri u l-ulied, hija relazzjoni reali, għaliex it-tagħlim jew it-tnissil tal-ħajja jeżisti tabilħaqq, iżda r-relazzjoni grammatikali bejn is-suġġett u l-predikat tas-sentenza hija sempliċement relazzjoni loġika, jew ivvintata minn moħħ il-bniedem. Ir-relazzjoni f'Alla hija reali u sostanzjali.

F'Alla, d-distinzjoni bejn il-Persuni tikkonsisti fir-relazzjonijiet differenti ta' l-oriġini tagħhom jew fil-mod kif waħda tipproċiedi mill-oħra. Hekk, l-Iben huwa distint mill-Missier, għaliex ġej minnu, jew hemm r-relazzjoni ta' filjazzjoni li hija realtà sussistenti. L-Ispirtu s-Santu huwa distint mill-Missier u mill-Iben, għaliex jipproċiedi, jew ġej minnhom it-tnejn bħal minn prinċipju wieħed; jew nistgħu ngħidu wkoll li l-Ispirtu s-Santu huwa distint



*"It-Trinità"- ikona Russa tas-Seklu 18 - Anon.*

mill-Ewwel u t-Tieni Persuna, minħabba r-relazzjoni ta 'spirazzjoni' attiva waħda, għax hija l-istess fil-Missier u fl-Iben.

(iv) Fil-kontest teoloġiku, il-kelma "proċessjoni" tfisser l-att li bih persuna jew ħaġa tiġi minn persuna jew ħaġa oħra, jew l-oriġini ta' realtà minn realtà oħra. It-teoloġi jagħmlu distinzjoni bejn proċessjoni esterna (*processio ad extra*) bħal ma hija dik tal-kreaturi li huma ġejjin jew maħluqin minn Alla, u l-proċessjoni interna (*processio ad intra*) li hija dik li hemm fit-Trinità Qaddisa.

Tissejjaħ "proċessjoni esterna" meta t-terminu tal-proċessjoni jew dak li jipproċiedi, jkun jew jeżisti barra mill-oriġini tiegħu, cioè, jibda jeżisti barra mill-prinċipju li minnu jkun ġej. Tkun proċessjoni interna meta hija att immanenti, cioè meta t-terminu tal-proċessjoni, jew dak li jipproċiedi, jibqa fl-oriġini tiegħu u ma jinqatgħax minnha.

Il-proċessjoni tal-Verb Etern u ta' l-Ispirtu s-Santu hija att immanenti tat-Trinità Qaddisa. Skond il-Kredu nisrani, f'Alla hemm żewġ proċessjonijiet interni, ċioè dik tal-Iben li huwa mnissel mill-Missier, u dik ta' l-Ispirtu s-Santu li jipproċiedi jew ġej bi spirazzjoni mill-Missier u mill-Iben. Il-kelma "tipproċiedi" li minnha ġej it-terminu "proċessjoni" jew ħruġ, insibuha wkoll fil-Vanġelu; meta Ġesù qal: "Għax jien, minn għand Alla ħriġt u ġejt" (Ġw.8,42) u "L-Ispirtu tas-sewwa li ġej mill-Missier, hu jixhed għalija"(Ġw.15,26-27). Imma dawn iż-żewg siltiet ma jirreferux għall-proċessjonijiet interni u eterni ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, imma jirriferu għall-missjonijiet tagħhom fost il-bnedmin. Madanakollu, il-missjonijiet tal-persuni divini fiż-żmien jirriflettu l-proċessjonijiet eterni tagħhom.

(v) Meta jitkellmu dwar il-"missjonijiet" fit-Trinità Qaddisa, t-teoloġi jiddistingwu bejn "missjonijiet inviżibbli" u "missjonijiet viżibbli" li dehru u twettqu fost il-bnedmin. Hekk l-inkarnazzjoni tal-Verb hija missjoni viżibbli għaliex tfisser il-preżenza ta' Kristu li deher u kien jgħix fid-dinja, bniedem fost il-bnedmin. Hekk ukoll il-missjoni ta' l-Ispirtu s-Santu, meta deher taħt sura ta' ħamiema fil-magħmudija ta' Kristu u taħt sura ta' ilsna tan-nar meta niżel fuq l-Appostli. Missjoni inviżibbli hija dik ta' l-Ispirtu s-Santu fir-ruħ tal-bniedem permezz tal-grazzja li ma tidherx.

Il-konċett ta' missjoni, "*missio ad extra*" skond San Tumas (S.Theo.,l 1,43,1) jimplika relazzjoni bejn il-persuna mibgħuta (*terminus ad quem*) u l-persuna li tibgħat (*terminus ad quo*).

*(jissokta f'ħarġa oħra)*



L-Eċċellenza Tiegħu

***Mons. Nikol Ġ. Cauchi***

***Isqof ta' Għawdex***

jawgura l-

***Milied it-Tajjeb***

***u***

***Sena Ġdida 2005***

mimlija bil-Barka t'Alla
lill-qarrejja kollha
ta'din ir-Rivista Djoċesana




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Il-Wieħed u Tletin Parti )*

**(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)**

## IMĦARET OĦRA

**Kien hemm ukoll imħaret oħra bħal ngħidu aħna "Il-Moħriet tal-Widna" u "Il-Moħriet tat-Talja". Dan ta' l-aħħar kien ivvintat u mfassal mis-Sur Wistin Randun. Dan il-moħriet (*Il Ripuntatore*) kien iddisinjat fuq ta' barra biex jofroq it-talja. Għandu s-sikka tiegħu ġejja ċatta. Jaqsam l-art 'il taħt 'il taħt, ifarrak il-ħamrija mingħajr ma jferrixha fil-wiċċ.**



### *Il-Baqra Maltija*

Qabel ma daħlu t-*tractors* u l-*caterpillars* bil-magni tal-mutur, ebda ħart ma seta' jsir mingħajr bhima. Imma qabel ma setgħux isiru xogħlijiet sewwa firraba' mingħajr din il-baqra, li tissejjaħ il-Baqra Maltija.

Din il-baqra ma kienet nieqsa minn xejn. Kienet imġissma u qiegħda fid-daqs tagħha, fuq ruħha u għaqlija fl-istess ħin. Niesna kienu jagħmlu minn kollox biex il-gendus jingħażel mill-aħjar ħalli nnisel jibqa' sabiħ.

Il-għamla tal-baqra Maltija tixbaħ lil dik ta' Sqallija. Il-lewn hu wieħed, aħmar jagħti fl-iswed, xi mindaqqiet miksur 'l hawn u 'l hemm bl-abjad, u xi mindaqqiet xejn. Għolja u tax-xogħol, biss ma taqbilx ma' dik ta' Sqallija għal qosor ta' qrunha. Minnhom il-ħarrat Sqalli kien imexxi lbhima b'ħabel, għalkemm il-qawwa l-kbira tal-baqra qiegħda fir-ras u fil-għonq fejn jidħol il-madmad.

Mhux il-bdiewa kollha kienu jistgħu jżommu l-baqra Maltija biex jaħartu biha. Allura, dawk li



kien ikollhom ftit raba' kienu jikru l-baqra biex jaħartu biha, mingħajr ma jkollhom bżonn iżommuha s-sena kollha.

It-taqsim tar-raba' fi żbula żgħar kien ukoll il-kaġun li l-ħart jibda jsir bil-ħmir. Dan ġara għax wara li nqasmu ma setgħu qatt jinħadmu f'waqthom. U dan, għax il-bidwi li ried jikri l-bhima, ma qabillux irabbi l-baqra li trid mhux ftit biex tifdi u żżommha fuq art ta' erbgħa jew tmint itmien raba'.

Il-ħart bil-baqra, jew biż-żewġ inqata' għall-ħabta tal-bidu tas-seklu għoxrin u floku daħal il-ħart bil-bgħula u bil-ħmir. Ħafna drabi, flok ħart, il-bidwi spiċċa jobrox l-art b'sikka qisha musmar. Issa l-brix qatt ma jġiegħel lill-għeruq jieħdu mill-art dak il-btir (sustanzi) meħtieġ għalihom sabiex jitrabbew sewwa. Il-ħart bil-ħmar qatt ma jista' jżomm l-art niedja (bit-tira) u, għalhekk, ma jistax ikattar il-ħeġġa tad-dud ta' l-art biex jagħtih ix-xogħol tiegħu.

## *Iżjed fuq il-ħart*

Mingħajr ħart fil-fond, dik id-dewwidija ta' ħlejjaq ċkejkna li tinsab fit-trab tbati sakemm tagħżel dawk il-ħwejjeġ ta' ħtieġa li minnhom l-egħruq tas-siġar ikunu jistgħu jsibu l-ikel tagħhom u jixorbuh. Il-brix (għażiq fil-wiċċ) ftit u ftit wisq iħalli lis-siġra tieħu mill-ajru dak il-gass, imsejjaħ Azotu (nitroġenu); ma jaqlax mill-qiegħ u lanqas iġib f'wiċċ l-art iż-żerriegħa għalliela; ma jsemmidx u b'hekk l-art tibqa' iebsa bla ma titrewwaħ u tisħon skond l-istaġun; ma jfarrakx il-ħamrija u ma jħallix it-traba t-tajba teħel mas-siġra u tieħu minnha. Dawn huma l-ħsarat li kien iġib il-ħart bil-ħmir flok il-ġid li l-bidwi kien jista' jieħu bil-ħart tal-baqra.

Naturalment, illum l-art inqallbuha b'makkinarju u inġenji tqal li jifilħu wisq iżjed mill-baqra ta' dari.

Fis-snin għoxrin kien sar l-ewwel ħart bil-moħriet tat-talja. Kienet inħadmet biċċa raba' ta' erba' tomniet nhar is-Sibt, 22 ta' Diċembru, 1925. Wara għamlet ix-xita, sħaba xita qawwija. Naturalmnet, għamlet ukoll fuq l-inħawi l-oħra kollha fejn ir-raba' nħadem bil-moħriet il-qadim. L-inħawi li kienu nħartu bil-moħriet il-qadim żammu l-ilma fil-wiċċ, fil-waqt li l-biċċa li nħadmet bil-moħriet tat-talja, xorbot l-ilma kollu ġo fiha. L-art li tixrob ma tħalli qatt l-ilma jinxef u jinbela' mill-arja, fil-waqt li f'art xagħrija, li ma tinħaratx, u fejn l-ilma ma jinxtorobx, tkun iebsa u l-ilma jtir fl-arja malajr. Art bħal din la titrewwaħ u lanqas terda' ilma.

Wara li l-bidwi kien jaħrat l-art, jekk tkun għaż-żrigħ tas-sajf, kien jeħtieġlu li jgħaddiha bix-xatba sabiex it-tira (l-ilma ta' ġo fiha) jibqa' u s-siġar jixorbu minnu. Il-qlib kien isir dejjem sal-qiegħ biex l-art tissemmed u tieħu ġo fiha l-ilma kollu tax-xita, tisħon u titrewwaħ, u b'hekk tiġbor il-btir (is-sustanzi) ta' l-ossiġenu mill-ajru li hu meħtieġ biex id-demel jingħażel u jitjieb.

Bosta bdiewa ma kinux idarrbu t-talja (jagħtu d-demel) bil-moħriet wara li kienu jkunu għaddew biz-zappun. Il-ħart hu wisq meħtieġ biex jaqla' ż-żrar fil-wiċċ u jfarrak il-ħamrija. Xi wħud mill-bdiewa kienu jħallu t-talja iebsa. Milli jidher ma kinux jaħsbu li fin-nixfa l ħxejjex itawlu għeruqhom biex ifittxu t-tira (ħamrija niedja) u jistgħu b'iżjed ħeffa jagħżlu l-ikel li jkun jiswa għat-trobbija tagħhom. Min ma kienx idarrab (jagħti d-demel) kien bidwi ta' l-isem u qatt ma jkollu l-art ta' taħt imxarrba.

L-art li għandha ftit tal-ħamrija dejjem tagħti, sewwa għax ikun fiha l-ħamrija, sewwa għax tkun imdemmla, u sewwa wkoll għax tkun maħruta tajjeb. Il-qlib tar-raba' għandu jsir fis-sajf, billi fl-istaġun tas-sħana tkun xemx tikwi, il-ħamrija tista' tissemmed iżjed u iżjed.

It-tismid ta' l-art fuq l-uċuħ tagħha, iżomm it-tira u jrattab il-ħamrija iebsa li minnha jieklu l-għeruq. It-tismid ta' l-art jagħlaq it-toqob li minhom l-ilma jtir u jinxtorob mill-arja. Meta traba



tal-ħamrija ssib ruħha magħluqa, tiġbed it-tira mingħand oħra, u hekk minn waħda għal oħra sakemm l-art kollha tixxarrab.

Fejn jonqos l-ilma tonqos il-ħajja tas-siġar. Is-siġra tmut qabel ma l-art titlef l-indewwa tagħha għal kollox, għax meta l-art tinxef minn ġewwa, tibda terda' mill-għeruq u tmewwithom.

Wieħed jeħtieġ li jaħdem l-art mill-qiegħ sabiex iżommha mxarrba u b'hekk igħajjex iż-żera', u din hi ħaġa minn ewl id-dinja. Iż-żrigħ biex iġelben u jqabbeż in-nebbieta jeħtieġlu ilma daqskemm jiżen hu. Ħaxixa tieħu daqs ħmistax-il uqija ilma, skond il-kobor tal-weraq tagħha, u tomna raba' miżrugħa patata jkollha bżonn mal-ħmistax-il uqija ilma kull waħda. U dan jista' jiżdied jew jonqos, skond kemm l-art ikun fiha demel, għax id-demel, bħalma kulħadd jaf, iżomm ir-raba' niedi.

Hawn ta' minn ifakkar, li dari, qabel ma daħlet il-patata, il-bdiewa, meta kienu jiksru u jqallbu l-art, kienu jagħmlu banek għoljin ħafna (jiġbdu l-ħamrija mill-qiegħ) u b'hekk iniżżlu t-talja (il-qatgħa) fil-qiegħ. Wara, imbagħad, kien isir il-ħart. B'hekk il-ħamrija kienet tixrob iżjed u jkollha iżjed tira. Meta l-ksir u t-taqlib beda jsir aktar fil-qasir, ir-raba' ma baqax jagħti bħal qabel. U allura kienu jgħidu: L-art m'għadhiex tagħti bħalma dari!

### Il-Ħart fis-Snin Għoxrin

Biex il-bidwi jgħatti l-ħsara, fis-snin għoxrin tas-seklu li għadu kif għalaq, kienu jsiru dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Il-bidwi jista' jaħrat it-talja bil-moħriet il-qadim; imbagħad fir-radda tal-ħart, igħaddi bil-moħriet tat-talja. Dan il-moħriet jinżel xi ħaġa iżjed mill-qadim. Fl-aħħar jagħti d-demel. Meta x-xogħol isir hekk ir-raba' jistagħna bl-ilma xi ftit. Imma dan qatt ma kien ikun biżżejjed. Il-għabra tal-ħamrija, għalkemm imlaħalħa, tibda teħel waħda ma' l-oħra u jiġi żmien li tagħqad, u jekk imbagħad tibbies, tfixkel lill-għeruq biex dawn ma jerdgħux minn taħt.

Fid-dinja kollha, il-ħart huwa dejjem tajjeb, sewwa fejn tagħmel ħafna xita, u sew fejn tagħmel ftit. Fejn tagħmel bil-wisq biex l-art ma tistagħdarx u l-ħamrija ma tiqrasx, fejn tagħmel ftit biex l-art tagħmel it-tira u jkollha l-ħafna tagħha fin-nixfa.

*(jissokta)*

**GRAZZI LILL-BENEFATTURI TAR-RIVISTA TAGĦNA**

***Minn qalbna rridu nirringrazzjaw lil 140 fost l-abbonati qarrejja regolari tagħna li wieġbu għall-appell ta' offerti liberi b'suffraġju għall-mejtin tagħhom f'Novembru li għadda. Id-donazzjonijiet li waslulna telgħu b'kollox is-somma sabiħa ta' Lm700, li minnha ħallasna Ġimgħa Quddies għall-Mejtin miktubin fil-listi; dan il-quddies sar fil-Knisja Ta' Savina, Victoria, mill-15 sal-21 ta' Novembru, kif ukoll Jumejn Adorazzjoni Ewkaristika fl-istess knisja għall-bżonnijiet tad-donaturi u benefatturi tagħna. Tħallsu wkoll mill-istess somma l-ispejjeż kollha (Lm 600) tal-ħarġa ta' Novembru tar-rivista tagħna.***

***Waqt li napprezzaw kull għajnuna li tagħtuna, inħeggukom biex iġġeddu l-abbonament tagħkom għas-sena 2005. Nixtiequlkom ukoll il-Festi t-Tajba u kull barka u ġid mis-Sema.***

**Dun Anton Sultana, Amministratur**



SMUGGLER'S CAVE
BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 21553500

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Home Decorations
* Specialising in Gypsum wall partitions
* Gypsum Board Soffit and all kinds of tiles
* PVC Wall Panelling
* Interior Painting
For Free Home Estimates
Call Frank Azzopardi
on 2156 5241 or 9982 9195

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

FUQ L-INTERNET
RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo
IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi

# Għawdex... kif nafu u narah jien 10



# "FOST L-ISBAĦ TIFKIRIET..."

*Dun Anġ Seychell jagħtina l-impressjonijiet u l-fehmiet tiegħu*

**It-tifkiriet tiegħi dwar il-gżira t'Għawdex bilfors ikunu fost l-isbaħ tifkiriet għax f'moħħi u f'qalbi Għawdex għandu rabta mal-mistrieħ li nieħu minn żmien għal ieħor. Nagħżel lil Għawdex għax huwa gżira iżjed favorita min-natura, imsawba b'għoljiet u widien ma' kullimkien, b'ritmu ta' ħajja iżjed uman għax inqas imgħaġġel, inqas imħarbta mit-tniġġis u l-invażjoni tal-bniedem...**

Immur Għawdex ifisser kull darba nżur is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Ifisser is-seħer tal-fdalijiet imponenti tal-Ġgantija; il-kwiet tal-Qbajjar



fix-xitwa u l-ġnien pubbliku qrib li sar iħajjarni interraq fih għall-arja tal-baħar; il-għawm fil-bajja tax-Xlendi jew ta' Marsalforn, id-dehra stupenda tat-Tieqa tad-Dwejra u tal-Ġebla tal-Ġeneral, ix-xena meraviljuża tat-tliet gżejjer kif jidhru minfejn it-Torri tan-Nadur jew mill-*Belveder* tal-Qala.

## *Xahar ta' Nazzaret*

Għandi rabta speċjali mal-kunvent tal-Kapuċċini li hemm fir-Rabat, fit-triq li tieħu għal Marsalforn. Jiena għandi għal qalbi l-ispiritwalità ta' Karlu de Foucauld u kien fil-kunvent tal-Kapuċċini li għamilt l-hekk imsejjaħ "Xahar ta' Nazzaret", li jikkonsisti f'erba' ġimgħat ngħix ma' grupp ta' qassisin Maltin u wieħed Taljan il-waqtiet l-iżjed importanti ta' dik l-ispiritwalità.

Niftakar li bħala xogħol materjali konna ninżlu fil-ġnien tal-kunvent u nfarfru s-siġar tal-lewż u taż-żebbuġ mill-frott tagħhom! Niftakar ukoll meta darba morna ngħumu x-Xlendi u l-qassis Taljan li kien magħna niżel jistad taħt il-baħar u dakinhar qabad boll żgħir! Niftakar ukoll f'dak il-patri kapuċċin li kellu kuġina tiegħu miż-Żejtun, u li kellu l-bixra ta' wiċċu tant impressjonanti li kien hemm min talbu jpinġih f'waħda mill-pitturi li hemm Għawdex!

## *Mal-persuni b'diżabilità*

Ħafna drabi l-mawriet tiegħi f'Għawdex kellhom rabta mal-persuni b'diżabilità li issa ilhom snin sħaħ l-aqwa ħbieb tiegħi.

L-ewwel esperjenza tiegħi magħhom fil-gżira t'Għawdex seħħet fir-raħal żgħir ta' San Lawrenz. Jien u sħabi tal-Kummissjoni Djakonija taż-Żejtun domna diversi snin inġibu grupp mhux żgħir ta' persuni b'diżabilità miż-Żejtun fl-iskola primarja ta' San Lawrenz u hemm nqattgħu tlieta jew erbat ijiem. Ġie li ġew jagħtuna daqqa t'id xi nisa Għawdxin li kienu jsajru għall-grupp kollu ta' 30 jew 40 persuna! Hemm rajt il-qalb tal-Għawdxin.

Meta iżjed tard bdejna l-Fondazzjoni Nazareth u ftaħna ż-żewġt' idjar tagħha għall-persuni b'diżabilità, bdejna niġu kull sena nistrieħu fil-gżira



t'Għawdex bħala kommunità. Konna ngħaddu xi jiem fid-Dar ta' San Ġużepp, Għajnsielem; wara morna fid-Dar ġdida ta' l-Arka fl-istess raħal u f'dawn l-aħħar sentejn fid-Dar Manresa tal-Ġiżwiti. Kulfejn morna sibna tilqagħna ħafna u ħafna ospitalità.

## *Tifkiriet pastorali*

Kemm-il darba ikkombinajt il-mistrieħ tiegħi ma' xi xogħol pastorali li ntlabt nagħmel fid-Djoċesi t'Għawdex.

Xi drabi ntlabt nippriedka l-eżerċizzi spiritwali f'xi parroċċi Għawdxin u kont nieħu l-okkażjoni biex ngħaddi ħamest ijiem f'dik il-gżira. Kemm-il darba kelli eżerċizzi spiritwali fin-Nadur kif ukoll fil-parroċċi ta' San Ġorġ (u dik il-ġimgħa stajt nattendi għall-quddiesa funebri ta' Ġorġ Pisani) u tal-Kattidral fir-Rabat, u anke l-eżerċizzi ta' Kana għall-miżżewġin Għawdxin.

Sirt naf lid-Dar *Stella Maris* tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl fiż-Żebbuġ, fejn għamilt ġimgħa nagħti rtir lill-patrijiet u ġimgħa oħra kont mort ngħaddi żmien ta' vaganzi li ma tulhom ħadt gost nitla' ż-żewġ għoljiet li jidhru tant attraenti quddiem id-Dar, bil-wied bejniethom!

Kelli wkoll nagħti xi drabi rtiri lis-seminaristi Għawdxin li minnhom ħarġet rabta li għadha tiġġedded kull sena. Għax ta' kull sena jiġi xi seminarista minn Għawdex u joqgħod f'Dar Nazareth jew f'Dar l-Arċipriet Degabriele fiż-Żejtun biex jagħmel esperjenza ta' ħajja mal-persuni b'diżabilità.

Għawdex ifakkarni wkoll f'esperjenza unika! Darba kelli ntejjeġ koppja fil-Kattidral t'Għawdex, hi mir-Rabat u hu miż-Żejtun. Wara l-quddiesa kont sejjer għar-riċeviment meta b'konfużjoni kbira tiegħi ħassejt il-qalziet qed jinfetaqli... Dak iż-żmien fid-Dar ta' San Ġużepp, Għajnsielem, kien għad hemm xi fratelli tal-MSSP. Mort malajr għandhom, għidtilhom xi ġrali u huma bi tbissima qagħdu jħituhuli mill-ġdid... u stajt immur rasi mistrieħa għar-riċeviment! Dik il-ħajja...!

**Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari...**

TAL-ĦWAWAR

*Issib Ħwawar,*

*Ħxejjex Aromatiċi,*

*Frott Imqaddet għall-Ħelu*

*u Prodotti oħra għall-ikel*

14-15 Kerċem Road, Victoria

Tel: 2156 2160

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA


*Il-Knisja ta' Pompei*

# 4. Lejn l-Aħħar ta' Ħajjitha

**jikteb Angelo Xuereb**

Kif semmejna Karolina baqgħet spiritwalment qrib is-Sorijiet Dumnikani, iżda hija qatt ma ngħaqdet magħhom.

Hija ma ndaħlet bl-ebda mod fit-tmexxija tal-Kongregazzjoni l-ġdida li tatha t-twelid. Hemm xi ħjiel li fl-ewwel żminijiet kienet iżżur ta' sikwit il-post iżda qatt ma qagħdet hemm. Ma riditx tkun ta' piż fuq is-sorijiet u riedet tħallihom liberi għat-talb u l-appostolat.

Lejn l-aħħar żminijiet ta' ħajjitha lanqas ix-Xlendi ma baqgħet tinżel. Ta' min ifakkar li f'din il-bajja kienet għamlet passaġġ mid-dar tagħha fil-blat sa l-għar li għadu magħruf illum bħala ta' Karolina, dejjem bil-ħsieb li xi darba jkun jista' jintuża mill-monaċi li kellha f'moħħha li twaqqaf. Proġett li juri kemm għamlet ħajjitha kollha tberren fuq din il-ħolma.

Karolina għexet il-parir ta' Ġesù li tkun fqira b'mod radikali. F'ħajjitha ma qagħditx tara kif ser tkun komda iżda poġġiet ruħha f'servizz lill-Mulej. Il-ġid li wirtet mingħand il-ġenituri tagħha kien mezz u mhux skop fih innifsu. Għalhekk hija nqdiet b'dan il-ġid sabiex Ġesù jiġi magħruf u maħbub. Lejn l-aħħar ta' ħajjitha kienet iżżomm f'darha familja fqira filwaqt li mhux l-ewwel darba li tat id-dota lill-tfajliet biex ikunu jistgħu jiżżewġu u ħafna fqar kienu jirrikorru għandha. Kien hemm xi wħud li abbużaw mit-tjubija tagħha, iżda kompliet il-missjoni tagħha magħhom.

It-tliet testmenti li għamlet qabel mewtha kienu xhieda tal-ħeġġa tagħha biex il-kongregazzjoni li kienet waqqfet tkun aktar fis-sod. Barra li ħalliet erba' doti ta' tmenin lira il-waħda favur xebbiet foqra biex ikunu jistgħu jidħlu sorijiet, ħalliet kollox, anki l-oġġetti tad-dar fejn kienet toqgħod, lis-Sorijiet Dumnikani.

Lejn l-aħħar snin ta' ħajjitha lejn 1904, Karolina bdiet tbati bil-*myelitis*, li hija infjammazzjoni tax-xewka tad-dahar u tal-mudullun. Din il-marda sammritha ġo sodda u hija ġarrbet kollox b'rassenjazzjoni mar-rieda ta' Alla. Is-sorijiet dumnikani kienu jmorru jżuruha ta' kuljum, u bid-daħqa f'fommha kienet tirrakkontalhom xi ġrajjiet spiritwali minn ħajjet il-qaddisin, filwaqt li tħeġġiġhom sabiex josservaw ir-regola tagħhom.

Ħalliet din id-dinja nhar l-Erbgħa 17 ta' Lulju 1907, wara li rċeviet il-vjatku u l-griżma tal-morda. L-għada sarilha funeral kbir u ġiet midfuna, kif talbet, fil-qabar ta' missierha u ommha fil-korsija tal-Katidral t'Għawdex.

Jalla l-eżempju ta' Karolina jħajjar lil aktar lajċi biex iħaddmu tajjeb il-ġid ta' din id-dinja u biex jgħixu ħajja spiritwali bis-serjetà.

TAL-MUDELL
HARDWARE SHOP
FORTUNATO MIZZI STREET,
VICTORIA,GOZO - TEL 2155 4131

MARIO DISPENSING OPTICIANS
Prop: *Mario P. Grech F.A.D.O (Lond.).*
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the latest Computer Technology and Eye Specialists*
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Telephone: 2155 6528, 2156 3331 Fax: 2156 0194
Email: mario.opticians@vol.net.mt
Website: www.mdogozo.com

midfun fil-Kanċija tal Katidral,



*Għawdxin li għadna niftakru -20* *Minn Pawlu Mizzi*

# MAJSI TA' L-GĦADMU

Li ma kenux għall-pasturi kieku għandu mnejn dan Majsi Żahra ta' l-Għadmu lanqas biss kien qatt jissemma'. Għax, ngħiduha kif inhi, min sa jħabbel rasu fuq wieħed tal-ħaxix! Li kieku almenu kien idoqq mal banda kellu mnejn, tajjeb jew ħażin, xi ħadd kien jikteb fuqu. Lil Majsi ta' l-Għadmu, imma!

"Eh! Dak għal presepju!" qalli darba Dun Nikol tal-Pastur. "Lanqas *Matera* (1653-1718) ta' *Catalgirone* ma għamel daqsu!"

Dun Nikol kien qassis sempliċi imma ta' min iqisu. Kien jaqra u jistudja d-drawwiet ta' kulħadd. Jien kont nistħajlu d-Dumnikan Padre Rocca ta' Napli tas-seklu XIX. Bħalu kien iffissat fuq il-presepji. Mhux l-ewwel darba li fil-prietki tiegħu xebbaħ il-presepju mal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Għalih il-maxtura bħas-salib kienet tissimbolizza l-istess Kristu Rxoxt li jgħix fina permezz ta' l-Ewkaristija. Fi żmienu ma kienx hemm familja fir-Rabat li ma kellhiex Bambin jew presepju f'darha.

Għalih dan Majsi kien is-surmast fl-iskola tal-pasturi f'pajjiżna. Bħalma kien Matera fi Sqallija. Biċċa tafal mejta f'idejh kienet tieħu l-ħajja. Daqqa f'forma ta' bidwi jaħrat u daqqa mara qed taħsel.

"Subajh skalpell," kien qalli. "Jonqox bil-ponta ta' dufrejh biss. U joħroġ uċuħ daqs l-aqwa skultur. Basta jkollu mudell fuq xhiex jara!"

U veru, għax ma kienx hemm ġar jew parruċċan li ma jsiblux postu fil-presepju. U ħadni nara l-kollezzjoni ta' pasturi li kellu. Ma bbastajtx ninqala' minn quddiemhom. Kollha kienu hemm in-nies ta' żmieni: Zolla ta' Ganġetta mal-bir timla l-ilma; Toni ta' Toniduda jinseġ in-newl; Savier tal-Mewta jaħmi l-ħobż; l-avukat t'Ambroġ jagħlef; Wenzu tat-Tmintax bil-qażba; it-tabib ta' Masu bl-ixkubetta; ir-Rejjiex, San Ġużepp; in-nutar ta' Nuratu bil-qiegħda bil-pipa. Sa taz-Zikklont ġejja bit-tiġieġ kellu.

"*U dan nannuwi! Jew jira'n-ngħaġ, jew jistad, jew ibejgħ bit-tilar fuq rasu!*" ħatafli ħsiebi. "Għalhekk qalgħuhielu l-pastur".

Lil nannuh ma niftakrux. Igħidu li kien bħal ibnu, missier Dun Nikol. Irqieq u twil. Bħall-pastur bil-ħarufa fuq spallejh. Jew bħas-sajjied bil-qażba f'idu. Ma telqux minn idejh. Qisu kellu teżor. Idawru bħal djamant bil-mod!

Bqajt inħares lejh, noħlom!

Kos, għidt f'qalbi, kull pastur b'xi storja. Fil-presepju tal-Franġiskani ta' Aracieli li kont rajt Ruma hemm Bambin mirakoluż. Jgħidu li kien għamlu l-Fra tagħhom meta kien Ġerusalemm. U jgħidu li għenuh l-istess anġli li kienu niżlu jkantaw fuq il-grotta ta' Betlem.

Presepju ieħor bi storja lu dak tal-knisja ta' Santa Maria della Stalla ġewwa Napli. Fil-grotta ħdejn il-maxtura hemm pastur iswed liebes ilbies ta' prinċep. Jgħidulu l-Moro f'Napli. Kien l-ilsir ta' ċerta *nobildonna* Elisabetta della Rovore. Skond it-tradizzjoni dan ma kienx jemmen għax kien mislem. Imma, imbagħad, il-Bambin kellmu mill-presepju u sar nisrani.

"Il-mistgħaġeb tagħna wkoll għandu storja bħal ta' dan il-Moro!" qalli Dun Nikol. U qabad il-mistgħaġeb biex jurihuli.

"Dak Majsi!" qbiżt għidtlu.

Milwi, kważi bil-ħotba; magħkus, u mkeffen fi ġlekk imqatta' kien qisu hu. Anke wiċċu bil-leħja kollu tikmix. U bħalu fuq irkoppa waħda kif kien joqgħod quddiem is-sagrament.

'Majsi in forma!" erġajt għidtlu.

"Dal-mistgħaġeb," kompla Dun Nikol bla ma jagħti kas x'kont qed ngħidlu, "kien ragħaj. Ma kien jemmen b'xejn. Darba fil-ħanut ta' l-imbid qallhom: '*Tufu mite nemmin fel-Bambojn jin? Mita n-ngħoġ l'għandew jafduwum mijej!*' Toħroġ il-għaġeb lejlet il-Milied x'ħin kien bin-ngħaġ Għajn Tuta, tagħmel ix-xita, u daħal jistkenn bihom fil-kappella tal-Lunzjata. Ma kienx hemm ħliefu hemm ġew u xi pasturi fuq l-artal: Bambin u żewġ nagħġiet. U kif għadda l-ajru, ġera bihom lura lejn id-dar. U x'isib? Ma' tiegħu kellu żewġ nagħġiet oħra. Immuta! U reġa' mar lura fil-kappella dak il-ħin stess. Talab maħfra għarkupptejh. U beka fuq li beka. Meta ġew għalih filgħodu sabuh għadu hemm jibki u jgħid: "*Jin nemmin! Jin nemmin!*"

Majsi kien jafha din l-istorja.

"*Għelhekk fel-grutta hemm il-mistgħaġib!*" kien jgħid lil kulmin kien jixtri l-pasturi mingħandu.

Għax għal Majsi il-pasturi ma kinux sempliċi biċċa tafal minn taħt ta' Gelmus. Għalih kien xiħadd li xi darba kien ifisser xi ħaġa. Kif kienet Mananni tas-Sabiħa, li kulfilgħodu kienet tiġi treddinlu kemm għandha wiċċha tost n-nies; jew *Ġuditte* oħtu tgerger kull x'ħin kienet iġġiblu l-kafè, jew *Tunoj* ħuh f'rokna sieket ma jagħmel xejn ħlief inewwel xi biċċa ħobż lil xi tallab li kien jiġi jitkarrab mal-bieb.



*Il-grupp tan-Nativitá fil-grotta tal-presepju. Il-mistgħaġeb fuq ix-xellug, fuq irkoppa waħda. Pasturi xogħol Majsi Żahra, ta' l-Għadmu. Mill-ktieb "The Story of Cribs and Pasturi in the Maltese Islands" ta' l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju. Bil-kortesija ta' Anton Galea.*

Lil kulħadd kien jagħtih qagħda u iqiegħdu mal-pasturi. Min ibejjgħ. Min jagħżaq. Min jixxabbat. Min jispara. U min fuq l-għajn jaħsel. Hu kien il-mistgħaġeb! Kollha impekkabbli! Bi proporzjonijiet u anatomija qishom ħajjin. Jew abbozzi tal-Gafà jew ta' Dimech! Kollha tat-tafal. Għamla waħda bħall-bwieqi ta' żmien il-Ġgantija. Għax fqar daqs min għamilhom!

Darba rajtu jilgħab b'biċċa tafal f'idejh. Jagħġinha u jgħaffiġha bejn subajh. Kont, mingħalija, sa nagħmel il-preċett. Fl-1936. Kont dak iż-żmien ġej u sejjer San Ġorġ għad-duttrina. Dik il-ħabta ta' meta kienu qed iħaffru għall-pedamenti tan-navi. Niftakar, kienu sabu żewġ ġarar kbar mimlija muniti. Kull waħda mhux ikbar minn ħabba. Suwed faħma bil-fildirram. Kienet xalata għalina t-tfal. Kulħadd nieżel fit-tajn, jaħtaf u jġorr. Jien kont ġbart xi għaxra.

Majsi kien superstizjuż. U ma messhomx!

'*Dok flews it-Turk. Żgowr!*" qal. "*Ma mmissimx jin! X'nambijum?*'

U baqa' jgemgem ma' xi nies li twarrbu minn fuq il-pedamenti, u ħallew passaġġ quddiem il-ħanut tiegħu.

Jien ta' tfal li kont, ma kontx warrabt u qgħadt nisma' u nħares. Skantat kif kont, bla ma ridt bqajt inħares lejh jagħġen biċċa tafal fuq il-pala t'idu.

"*Jin aħjor dil-biċċe tafol f'idejje minn għoxra minnem!*' kien ta' spiss jgħid lil xiħadd li kien jiġi jħares. U biex juri kemm kien minnu dak li kien qed jgħid, daqqa kien jagħmilha ras ta'xiħ bil-leħja u daqqa ras ta' ħmara rieqda.

Il-barokk kien iħossu naturali fih. Kont nammirah. U bqajt anke meta kbirt, ngħaddi minn San Ġorġ tal-Ħaġar biex niġi ħdejn il-ħanut tiegħu ħalli nara x'pasturi jew xi statwi ġodda kien ikun għamel.

Kollox skond l-istaġun. Fi żmien il-festi sanġorġijiet u santamarijiet kemm trid. Fi tliet daqsijiet. U bħalhom statwi titulari oħra. San Ġwann, il-Bambina, San Pawl, ta' Loretu. Ordnalu u jagħmillek. Lili kien għamilli San Ġorġ.

U ma' San Martin jaqla' l-pasturi. Tagħrafhom tiegħu. Għandhom sa l-iċken dettall. Fl-istili ta'l-ilbies, fil-piegi, fil-poża. Kollox bil-qies u fi proporzjon li jpaxxik.

Ma jiġix Milied li ma niftakarx fihom dawn in-nies li xegħluli tfuliti b'tant fantasija! Kemm tifkiriet! Nibni l-presepju u naħseb bħal meta kont għadni tifel. Bi gzuz ta' anġli fuq il-grotta – kif kien jagħmilhom iz-ziju Ġanni – mdendlin mill-ġwienaħ b'ħarira fina qishom qed jittajru. U 'l hawn u 'l hinn il-merħliet bir-rgħajja tagħhom. U l-mitħna u s-sinja bil-ħmara ddur ittalla' l-ilma. U b'Zolla ta' Ganġetta ħdejn in-nixxiegħa, u Ġirġi tal-Pastur barra l-bieb ta' Ġerusalemm ġej jgħajjat bil-ħut. U fl-aħħar il-grotta: il-Bambin fil-maxtura, il-Madonna u San Ġużepp, il-ħmara u l-baqra u Majsi ta' l-Għadmu, għarkupptejh jistgħaġeb. U quddiem il-grotta ngħaġ deħlin jiffullaw, merħliet kbar, nagħġa tinbotta fuq l-oħra, kollha bojod.

Niftakar meta xtrajthom. Minjaf kemm-il Milied ilu! Dak inhar kont skantajt inħares lejn dan Majsi jagħmel in-ngħaġ. Erbgħa erbgħa f'daqqa. Kollha l-istess u kollha għamla waħda.

"Dawn kif tagħmilhom kollha l-istess?", kont staqsejtu.

"*Bel-mas-pru-dju-xin!*' laqlaq sillaba sillaba, kemm kemm iċaqlaq ħalqu taħt il-mustaċċi. Ma fhimtux. Naħseb li ried jgħid "*mass-production*"!U erġajt staqsejtu: "Għaliex l-istess?" Imbagħad qaleb għajnejh u ħares lejja:"*Mele me tofx lej għell-Bombojn kilħedd xurte!*" qalli. "*Mixx don is-sabojħ tel-pirsipju, jew!*"

# int u saħħtek

*L-appuntament ta' Dr Mario Saliba M.D. mal-qarrejja tagħna.*



# Ċelluli Steminali: Dilemmi Etiċi




Iċ-ċelluli steminali embrijoniċi huma ċelluli speċjali li ikun hemm fl-embriju qabel l-organi jibdew jiffurmaw. F'dan l-istat dawn iċ-ċelluli jistgħu jiżviluppaw fi kwalunkwe tip ta' ċellula.

Kien fl-1998 li xjentisti Amerikani sabu mezz kif jistgħu jagħmlu dan. Permezz ta' trattament kimiku speċjali dawn iċ-ċelluli primarji jistgħu jingħataw direzzjoni biex jiżviluppaw f'ċelluli li jixtiequ huma, ċelluli tal-ġilda, tal-qalb, nervituri, eċċ. B' dan il-mod ix-xjentisti jkunu joħolqu possibilità kif iġegħlu lill-ġisem jifforma ċelluli ġodda ta' organi li jkunu mardu. Hekk pazjent li jkun sofra minn attakk ta' qalb, dik il-parti tal-muskolu tal-qalb li tkun mietet tkun tista' tiġi mibdula, hekk ukoll iċ-ċelluli tal-frixa li jiffurmaw l-insulina u li jkunu mardu jistgħu jkunu mibdula; b'ċelluli ġodda f' dawk in-nies morda bid-*diabete*. Hekk ukoll, nies li jbatu minn mard deġenerattiv fil-moħħ bħall-marda tal-*Parkinson* jistgħu jkunu kkurati b' dan il-mod.

**X'inhi l-pożizzjoni tal-embriju?** Hemm tlett pożizzjonijiet fuq din il-ħaġa. L-ewwel tnejn huma ċari. Naħa estrema tikkunsidra l-embriju tal-bidu bħala ċappa ċelluli u xejn iktar. Ir-raġunijiet li jagħtu huma li dawn iċ-ċelluli mhumiex żviluppati u weħidhom ma jistgħux jgħixu jekk mhux fl-utru. Allura kull tip ta' reċerka fuq dawn iċ-ċelluli hija permessa minħabba li hija ġustifikata mir-riżultati li jistgħu jinkisbu, jiġifieri il-fejqan mill mard.

Fuq in-naħa l-oħra ta' l-ispektrum hemm il-pożizzjoni tal-Knisja Kattolika li tinsisti li mill-konċepiment 'il quddiem l-embriju huwa esseri uman. Allura, per prinċipju, ma għandu jsir l-ebda tip ta' reċerka jew esperimenti fuq l-embrijoni. Biss illum nafu li anke l-Knisja, sa ċertu sens, iċċaqalqet minn din il-pożizzjoni riġida u tħalli jsiru testijiet u riċerka fuq embrijoni taħt

ċirkustanzi limitati. Allura nistgħu ngħidu li nħoloq qisu kompromess etiku, fejn l-embrijoni ma għadhomx ikkunsidrati biss bħala ċappa ċelluli imma għandhom *status* speċjali u jistgħu jkunu maħluqa u użati taħt ċirkustanzi limitati. Fi kliem ieħor, din l-applikazzjoni qiegħda taqbeż il-ħajt etiku li kien hemm qabel, jiġifieri li ma tista' ssir l-ebda riċerka xjentifika fuq l-embrijoni. Ir-riċerka li hija permessa, ssir minħabba finijiet ta' infertilità u tittratta l-embriju bħala entità riproduttiva għall-benefiċċju ta' embrijoni oħra. Min-naħa l-oħra li tuża l-embriju bhala sors ta' ċappa ċelluli biss hija xi ħaġa differenti, u mhux permessa mill-Knisja.

Biex nifhmu din id-differenza nistgħu ngħidu li mhux permess li jinħolqu embrijoni għal skopijiet biss ta' riċerka, imma jekk l-embrijoni " żejda" li jkun hemm riżultat ta' trattamenti tà fekondazzjoni artifiċjali jintużaw għar-riċerka minflok ma jintremew, dan huwa iktar aċċettabbli. Barra minhekk, illum ukoll nafu li hemm alternattivi għall-embrijoni biex nakkwistaw iċ-ċelluli steminali. Fost dawn hemm iċ-ċelluli steminali mill-adulti u mid-demm tal-kurdun tat-tarbija. Xi esperimenti urew li dawn iċ-ċelluli steminali huma fil-fatt aqwa minn ċelluli ta' l-embrijoni. Minkejja dan, l-istudji għadhom fi stadju bikri u xejn ma' nistgħu nkunu ċerti dwaru. Ħadd għadu ma jaf liema ċelluli steminali huma l-aħjar u kemm jistgħu jikkuraw mard.

Hemm min igħid li ċ-ċelluli steminali li ġejjin mill-kurdun tat-tarbija ma għandhomx il-potenzjal daqs dawk li ġejjin mill-embriju. Dan huwa qasam diffiċli ħafna u mhux la kemm wieħed jagħmel konklużjonijiet għalissa, għax l-istudji għadhom għaddejjin. Diffikultà oħra hija li ċ-ċelluli li jinkisbu minn embrijoni mit-trattament tal-fekondazzjoni artifiċjali ma għandhomx l-istess karatteristiċi ġenetiċi tal-pazjent. Jekk dawn jintużaw biex jitfejjaq ċertu mard jista' jkun hemm problema ta' inkompatibilità . Allura hawn ikollhom jużaw t-teknika tal-kloning biex jelliminaw din l-inkompatibilità .

Min-naħa l-oħra fil-każ tal-*Parkinson* m' hemmx din il-problema. Hawn l-affarijiet jibdew jikkomplikaw irwieħhom u għalhekk aħjar li wieħed jieqaf hawn. Fid-dawl ta' dawn l-avvanzi kollha li qed isiru, tajjeb li anke hawn Malta, fejn ir-riproduzzjoni artifiċjali hija pprattikata, u wieħed jassumi li qed ikollna reservi ta' embrijoni, ma nibqgħux neqsin minn gwidi etiċi li jirregolaw dan il-qasam. S' issa, jekk hawn embrijoni iffriżati, għad ma hemmx gwida kif dawn l-embrijoni għandhom ikunu protetti wżati.

Naħseb li wasal iż-żmien li l-kumitat etiku tal-gvern jistudja dawn l-avvanzi u joħroġ gwidi għal min jaħdem f' dan il-qasam.

Nixtieq lill-qarrejja kollha u l-familji tagħhom Milied Qaddis u Sena mimlija Saħħa u Hena.

SALIBA INTERIORS
Għal xogħol ta'
Gypsum, Żebgħa fuq ġewwa,
Partitions, Bulkheads, Coving,
Soffitti, Parquet Flooring.
Contact Raymond Saliba
Mob: 7970 2274

TA' KENUNA
Bar & Restaurant
Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices
Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.
Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645

Ta' Pawlu

Bar &
Restaurant
Tel: 2155 8355
Mob: 9942 1536
Fax: 2156 4382
4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.

LANTERN
Guest House
Restaurant • Pizzeria
MARSALFORN - GOZO
Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt
SEA VIEW
APARTMENTS
ALSO AVAILABLE

# Ir-Rigali tal-Maġi ta' Żmienna



Novella ta' OSCAR HENRY addattata għall-Malti mill-KAV. JOE M. ATTARD.

Kull ma kellha kienet biss is-somma fqira ta' dollaru u sebgħa u tmenin ċenteżmu. Dak kollox, la iżjed u lanqas inqas. Tliet darbiet wara xulxin Della Young qagħdet tgħodd din is-somma żgħira, ċenteżmu fuq ċenteżmu, dollaru u sebgħa u tmenin ċenteżmu. L-għada kien Jum il-Milied. Ma kienx hemm iktar x'tagħmel ħlief li tintafa' fuq daqsxejn ta' pultruna u tolfoq.

Wara ftit hija mesħet id-dmugħ sħun li kien ġelben ma' ħaddejha u ntasbet wara l-ħġieġ ta' tieqa tħares lejn qattus ta' lewn griż li kien qed jiġġerra mal-bitħa tal-qrib. L-għada kien il-Milied u fil-but ma kellhiex għajr dollaru u sebgħa u tmenin ċenteżmu biex tixtri rigal lil żewġha Jim. Kienet ilha xhur sħaħ twarrab issa ċenteżmu, imbagħad tnejn, iżda dak kulma kienet laħqet faddlet. X'tagħmel b'għoxrin dollaru fil-ġimgħa! Min jaf kemm qattgħet sigħat taħseb x'tista' tagħmel, x'tista' tixtrilu għall-Milied lill-għażiż żewġha, xi ħaġa mhix tas-soltu, xi ħaġa li tkompli tgħaqqadha iktar miegħu.

F'daqqa waħda taret mnejn it-tieqa u sabet ruħha quddiem il-mera. Għajnejha riedu jaqbżu 'l barra, iżda wiċċha f'salt wieħed tilef il-kulur. F'ħin wieħed maxtet xagħra lura u ħallietu jaqa' għal tulu kważi jkaxkar ma' l-art.

Tnejn kienu l-ħwejjeġ fid-dinja li l-koppja Young kienu jgħożżu bi sħiħ: l-arloġġ tad-deheb li Jim kien wiret m'għand nannuh u x-xagħar sabiħ u twil li bih kienet imżejna Della.

Eh, xagħar Della kien sabiħ, ileqq, lewn il-ħamrija, jimbaram għal wara daharha qisu nixxiegħa t'ilma ġieri. Kien jilħaq 'l isfel minn irkobbtejha; kien qisu libsa oħra li tostor lil ġisimha kollu. F'ħin minnhom, ħosbiena kif kienet, reġgħet maxtet xagħarha lura, malajr! F'daqqa waħda waqfet taħseb waqt li demgħa jew tnejn niżlu jiġru ma' ħaddejha u baqgħu neżlin fuq it-tapit ta' taħtha. Kienet iddeċidiet.

F'ħakka t'għajn libset il-ġakketta qadima li kellha u tefgħet kappell kannella f'rasha. B'għajnejha jibru u ħafifa daqs sajjetta niżlet it-taraġ erbgħa erbgħa u sabet ruħha fit-triq.

Waqfet quddiem armatura ta' ħanut u għajnejha fis ġrew fuq it-tabella: "Madame Sofronie. Naċċettaw kull kwalità ta' xagħar!" Telgħet tiġri t-taraġ, u f'kemm trodd salib, sabet ruħha tilheġ quddiem il-bank. Hekk kif ġiet f'tagħha, staqsiet: "Trid tixtri x-xagħar tiegħi?"

"Inża l-kappell, ħa nara ftit!" qaltilha l-Madame...

Della neżgħet il-kappell u dlonk xuxitha ħamrana niżlet tixxengel għal wara daharha.

"Sa ntik għoxrin dollaru", qaltilha fil-ħin Madame, waqt li qabdet f'idha l-waħda xagħar Della, b'heffa ta' waħda mħarrġa sewwa f'dan ix-xogħol.

"Isa, ħudu malajr, ma rridx naf! Ħudu u agħtini l-flus", talbitha Della.

Issa Della kienet ferħana sa ttir tiġġerra minn ħanut għall-ieħor biex tixtri rigal tant mixtieq lill-maħbub tagħha Jim. Ma kienx hemm rokna li ma darethiex, imma fl-aħħar kienet sabitu: kien tassew rigal maħluq għal Jim, pinġut għalih biss. Ma kienx hemm ieħor

bħalu jekk iddur il-vetrini tal-belt kollha. Kienet katina tleqq, fina, tal-fidda; wieħed u għoxrin dollaru kellha tħallas għaliha. Xejn ma jimporta. Issa l-katina kienet għandha. Sebgħa u tmenin ċenteżmu kull ma kien fadlilha fil-but, iżda Jim issa seta' jitkabbar b'katina bħal dik.

Meta daħlet id-dar, Della ħadet nifs qawwi. Malajr daħlet fil-kċina u bdiet tħejji xi ħaġa għall-ikel.

Elf ħsieb għadda minn moħħha dak il-ħin. "Kos, min jaf!" Qalet bejna u bejn ruħha. "Żgur joqtolni Jim, jarani hekk. Ixebbahni ma' xi tfajla tal-ħanut... Imma xi stajt nagħmel hux, b'dollaru u sebgħa u tmenin ċenteżmu!"

Fis-sebgħa kollox kien lest. Il-kafe jagħli u t-taġen kien fil-ġenb tal-kuċiniera jtektek. Jim qatt ma kien tard. Fil-ħin tisma' passi resqin. Kien hu. Għal mument kien sa jħossha ħażin. Kellha drawwa tgħid xi talba f'qalbha ta' kultant. Illum iktar ħasset il-bżonn, u għalhekk dritt geżwret żewġ kelmiet: "Mulej, ħallih jarani sbejħa bħas-soltu!"

Il-bieb infetaħ hekk kif lissnet l-aħħar kelma u Jim tfaċċa fuq il-għatba. Kien irqieq, serju. Tnejn u għoxrin sena kull ma kellu u l-piż tal-familja kien diġa beda jħossu ġmielu. Kemm kellu bżonn kowt ġdid u xi par ingwanti! Imma mnejn?

Jim ma qalax għajnejh minn fuq Della. Donnu ma riedx jemmen lil għajnejh u ħassitha mħawda, ma tafx x'taqbad tgħid.

"Jim, għażiż Jim!" għajtet fl-aħħar. "Tħarisx hekk lejja! Qtajt xagħri u begħtu. Ma stajtx ngħaddi Milied bla ma nixtrilek rigal. Xagħri mhux se jibqa' hekk. Żgur li jerġa' jikber u jiġi kif kien, xi tgħid Jim! Ma kellix triq oħra x'nagħżel. Issa insa, Jim, insa kollox u ejja nixtiequ lil xulxin il-Milied it-Tajjeb. Ejja ara x'rigal sabiħ għandi għalik!"

"Qtajt xagħrek, eh!" tenna miblugħ.

"Iva qtajtu u begħtu", weġbitu fil-pront Della. "Mhux xorta waħda għadek tħobbni, jewwilla? Jien għadni li kont, Della, kollni kemm jien, iżda mingħajr ix-xagħar ta' qabel".

"Allura xagħrek mar", reġa qalilha, donnu ma jridx jemmen lill-għajnejh.

"Mela, u toqgħodx tfittxu aktar!" weġbitu Della. "Begħtu nerġa' ngħidlek, u spiċċa. Issa ħallik minn dan. Illum lejliet il-Milied. Toqgħodx titħasseb. Li għamilt, għalik. Forsi kont taf kemm 'il xagħra kelli f'rasi!" kompliet tgħidlu. "Iżda żgur li ħadd ma jista' jgħid kemm inħobbok. Trid inġiblek tiekol?"

F'daqqa waħda Jim donnu ġie f'tiegħu. Huwa ħareġ pakkett minn taħt abtu u qegħdu f'nofs il-mejda.

"Ara ma taħsibx li se nħobbok inqas, issa li qtajt xagħrek. Iżda jekk tiftaħ il-pakkett malajr tinduna għaliex inħsadt kif rajtek," qalilha.

Is-swaba bojod u rotob ta' Della fetħu bil-mod dak il-pakkett miksi bil-karta tal-kulur kollha qniepen u ċriev. Imbgħad għajta ta' ferħ, li f'salt inbidlet f'waħda ta' biki, ilfieq u twerżiq.

Għaliex fuq il-mejda quddiem Della wieħed seta' jilmaħ par imxat mill-ifjen li Della kienet ilha tara u tixxennaq għalihom f'waħda mill-vetrini ta' Broadway. Kienu par imxat mill-isbaħ, magħmulin minn dahar il-fekruna bil-ġnub tagħhom miksijin b'burdura tal-fidda – rigal ideali għal Della; iżda issa xagħrha kien mar!

Hija qabdithom f'idejha jirtogħdu u għannqithom magħha; waqt li ksiethom b'bews sħun. Imbagħad refgħet bil-mod għajnejha u waqt li ħarset lejn Jim, qaltlu: "Xagħri ma jdumx ma jerġa' jikber u jiġi għal li kien".

Dak il-ħin stess, Della newlitlu r-rigal tagħha. "Ara x'jidhirlek?" qaltlu ferħana. "Issa żgur li tibda tara xħin hu mitt darba kuljum. "Agħtini l-arloġġ ħalli nara kif toqgħodlok."

Minflok ma għamel kif qaltlu martu, Jim inxteħet fuq il-pultruna, qiegħed rasu bejn il-pali ta' idejh u tbissem bil-qalb, waqt li qal: "Della, ejja nwarrbu dawn ir-rigali tal-Milied fil-ġenb għal mument. Sbieħ wisq biex nużawhom bħalissa. Mela biex tridni ngħidlek, jiena bgħet l-arloġġ biex inkun nista' nixtrilek dak il-par imxat". Waqgħet ħemda fil-kamra hekk kif Jim temm dan il-kliem. Imbagħad Jim kompla: "U issa, tridx nieklu, Della ta' qalbi!"

**Bħalma jaf kulħadd, il-Maġi kienu nies għorrief, nies ta' għerf mhux tas-soltu, li ġabu rigali lit-Tarbija Divina fil-maxtura. Kienu huma li bdew id-drawwa tar-rigali. Ta' għorrief li kienu,ir-rigali tagħhom kienu xhieda ta' l-għerf tagħhom. U hawnhekk jiena rrakkuntajt il-ġrajja ta' żewġ karattri ħelwin jgħixu flimkien li innoċentament u bla ebda ħsieb issagrifikaw għal xulxin l-egħżeż teżori li kellhom. Imma kelma ta' l-aħħar lill-għorrief ta' żmienna: ejja nammettu li fost dawk li jagħtu rigali, żgur li dawn it-tnejn, Della u Jim, kienu l-aktar għarfa. Bla ebda dubju, dawk kollha li jimxu fuq il-passi tagħhom ma jkunux mexjin fid-dlam. Ikunu l-Maġi ta'żmienna, b'qalb kbira, b'imħabba sħiħa u vera...**





# IL-ĦAJJA f'Għawdex

# WERREJ SENA 2004


| *ARTIKLI ĠENERALI* | *Xahar* | *Paġna* |
|---|---|---|
| Il-Formazzjoni Nisranija taż-Żgħażagħ - L-Ewwel Parti (K.D.Ż) | Jannar | 15 |
| Il-Formazzjoni Nisranija taż-Żgħażagħ - It-Tieni Parti (K.D.Ż) | Frar | 16 |
| Jeħtieg Nistħarrġu x'Fidi Għandna (*Mons. Salv Grima*) | Marzu | 15 |
| Sejbiet ta' l-Era Rumana fiċ-Ċittadella (Korrispondent) | Marzu | 18 |
| "Ġużeppi Bin David..." (Fr. Charles Buttigieg) | Marzu | 36 |
| Il-Klarissi fil-Ġimgħa Mqaddsa (*Sr Marie Carmel Saliba*) | April | 15 |
| "Qabar Vojt" Meditazzjoni Biblika għal żmien il-Għid (*Verla A. Mooth*) | April | 17 |
| "Qam minn bejn l-Imwiet..." (Fr. Charles Buttigieg) | April | 36 |
| Marija u l-Ħidma Ekumenika (Fr. Charles Buttigieg) | Mejju | 36 |
| Pellegrinaġġ lejn il-Qabar ta' Santiago De Compostela (*Mgr. J. Bezzina*) | Ġunju/Lulju | 15 |
| Il-Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla (*Ġużeppi Refalo*) | Ġunju/Lulju | 18 |
| Għaqda tal-Għaqdiet (*Antoine Vassallo*) | Awissu/Sett. | 17 |
| L-Adorazzjoni Perpetwa fil-Knisja ta' Savina (Mons. Giovanni .B. Gauci) | Awissu/Sett. | 33 |
| L-Addattament Liturġiku fil-Knisja ta' Ġesu Nazzarenu (*Dun Nazju Borg*) | Ottubru | 16 |
| Suppliment: Il-Kungress Internazzjonali tal-Kleru (Dun Eddie Zammit) | Novembru | 23 - 30 |
| "Schola Cantorum Jubilate" (Silvana Sultana) | Diċembru | 15 |

| *ARTIKLI TA' MONS ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI* | | |
|---|---|---|
| Ġesu Kristu, l-Iben t'Alla u l-Feddej tagħna (L-Ewwel Parti) | Jannar | 24 |
| Ġesu Kristu, l-Iben t'Alla u l-Feddej tagħna (It-Tieni Parti) | Frar | 24 |
| Qaddisa Marija, Omm Alla u Ommna (L-Ewwel Parti) | Marzu | 24 |
| Qaddisa Marija, Omm Alla u Ommna (It-Tieni Parti) | April | 24 |
| L-Opra tar-Redenzjoni ta' Kristu (L-Ewwel Parti) | Mejju | 24 |
| L-Opra tar-Redenzjoni ta' Kristu (It-Tieni Parti) | Ġunju/Lulju | 24 |
| X'Nemmnu dwar l-Ispirtu s-Santu (L-Ewwel Parti) | Awissu/Sett. | 24 |
| X'Nemmnu dwar l-Ispirtu s-Santu (It-Tieni Parti) | Ottubru | 24 |
| It-Trinità Qaddisa – Misteru Ewlieni (L-Ewwel Parti) | Novembru | 32 |
| It-Trinità Qaddisa - Misteru Ewlieni (It-Tieni Parti) | Diċembru | 24 |

| *APPREZZAMENT* | | |
|---|---|---|
| Mons. Carmelo Xuereb - 1914-2004 (*Dun Eddie Żammit*) | Mejju | 18 |
| L-Avukat Michael Grech (Kav. Paul Saliba) | Ġunju/Lulju | 36 |
| Dun Mikiel Attard - 1933-2004 (Dun Eddie Żammit) | Awissu/Sett. | 36 |

| *BOOKMARK (KOTBA ĠODDA)* | | |
|---|---|---|
| Gauci Giovanni B., "Ħsibijiet għal Jum il-Mulej" (*Kap. Dun E. Xuereb*) | Jannar | 22 |
| Dajczer Tadeusz, "X'Nemmen? Il-Fidi Mistħarġa" (*Dun Anton Sultana*) | Frar | 22 |
| Sultana Anton editur., "Nghixu fil-Mulej" (*Geoffrey G. Attard*) | Marzu | 22 |
| Mejlak, Pierre J., "Stejjer mill-Bibbja" (*Dr. Mario Saliba*) | April | 22 |
| Curmi Albert, "Minn Sotto il Monte għall-Vatikan" (*Kav. Joe M. Attard*) | Mejju | 22 |
| San Franġisk de Sales, "Philothea" (*Angelo Xuereb*) | Ġunju/Lulju | 22 |

| | | |
|---|---|---|
| Gauci Giovanni B., "Ħsibijiet Ewkaristiċi" (*Kap. Dun Edward Xuereb*) | Awissu/Sett. | 22 |
| Lumen Christi, "L-Għaxar Kmandamenti" (*Mons. Salv Grima*) | Ottubru | 22 |
| Gauci Anton, "Ejjew Inħennu Għall-Erwieħ" (*Fr. Ruben Micallef*) | Novembru | 22 |
| Mejlak Joe Kan, "Rwiefen" (*Kav. Joe M. Attard*) | Diċembru | 22 |

***ĊIKKU L-GĦAWDXI (DIVERSI)***

| | | |
|---|---|---|
| Kummenti minn fuq il-bank tal-pjazza tar-raħal | Jannar – Diċ | 10 |

***DRAWWIET MISSIRIJIETNA (ANTON F. ATTARD)***

| | | |
|---|---|---|
| Il-Biedja f'Għawdex (Mit-Tnejn u Għoxrin sal-Wieħed u Tletin Parti) | Jannar – Diċ | 26 |

***EDITORJALI***

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħolma Antika ta' Dinja Ġdida u Aħjar | Jannar | 3 |
| Il-Problemi ta' l-Iskejjel tal-Knisja f'Għawdex | Frar | 3 |
| "Kull Ħaddiem Ħaqqu Ħlasu" Is-Sostentament tal-Kleru Djoċesan | Marzu | 3 |
| Kultura tad-Dubju | April | 3 |
| Pajjiżna fl-Unjoni Ewropeja bejn sfidi u opportunitajiet | Mejju | 3 |
| Dmir Kulħadd lejn il-Barrani f'Pajjiżna | Ġunju/Lulju | 3 |
| Ir-Riżoluzzjonijiet tal-Kungress Pastorali Djoċesan. | Awissu/Sett. | 3 |
| Pajjiżna jilqa' Saċerdoti mid-dinja kollha | Ottubru | 3 |
| Insalvaw il-Wirt Storiku ta' Gżiritna | Novembru | 3 |
| Rigal Sabiħ tal-Mulej! | Diċembru | 3 |

***FEHMIET L-GĦAWDXIN - KIF JAĦSBUHA L-QARREJJA TAGĦNA***

| | | |
|---|---|---|
| Dwar Festi, Anniversarji u Ċentinarji... (Mons. Salv Grima) | Jannar | 36 |
| Is-Salezjani f'Għawdex "għadna neħtiġuhom" (Ġanninu Cremona) | Jannar | 37 |
| Għaliex ħafna jħossu l-bżonn li jitkellmu fuq ir-Radju. (Kav. J.M.Attard) | Frar | 36 |
| Radd il-Ħajr lejn l-Isqof tagħna f'għeluq il-75 sena. (d. Anton Dimech) | Frar | 37 |
| Insebbħu lil Gżiritna, speċjalment fir-Rabat... (Kav. Joe M. Attard) | Mejju | 33 |
| Biex ma nfaqqrux is-sagramenti... (Mons. Salv Grima) | Awissu/Sett. | 37 |
| Il-pjaga tat-traffiku fil-Belt Għawdxija... (Kav. Joe M. Attard) | Ottubru | 33 |
| Sett ta' Kotba mill-isbaħ għat-Tfal. (Mary Puli) | Novembru | 41 |

***GĦAWDEX...KIF NAFU U NARAH JIEN***

| | | |
|---|---|---|
| "Għawdex mhux presepju etern" (*Dr. Harry Vassallo*) | Jannar | 30 |
| "Li kieku Malta ma kellhiex lil Għawdex" (*Baruni Kelinu Vella Haber*) | Frar | 30 |
| "Ir-rabtiet tiegħi ma' Għawdex" (*Guido Lanfranco*) | Marzu | 30 |
| "Għawdex; bejn sfidi u opportunitajiet" (*L-Onor. Anton Tabone*) | April | 30 |
| "Ir-reġjonalita` ta' Għawdex trid bil-fors issir realtà" (*Franco Masini*) | Mejju | 30 |
| "L-Għawdxin...prodott uniku ta' art twelidhom" (*L-Onor. Dr. Joe Brincat*) | Ġunju/Lulju | 30 |
| "Nisġa ta' esperjenzi mċajprin biż-żmien" (*Profs. Joe Friġġieri*) | Awissu/Sett. | 30 |
| "L-ikbar għana ta' l-Għawdxin" (*Dr. Mario Tabone Vassallo*) | Ottubru | 30 |
| "Bdejt nagħraf u napprezza l-preġji tal-gżira għawdxija" (*Kav. Paul Saliba*) | Novembru | 30 |
| "Fost l-isbaħ tifkiriet" (*Dun Ang Seychell*) | Diċembru | 30 |

***GĦAWDEX SPORTIV (JOE BAJADA U JOE LOUIS SCIBERRAS)***

| | | |
|---|---|---|
| Logħba storika tal-Futbol tat-Tfajliet f'Għawdex | Jannar | 40 |
| Jiftaħ staġun ieħor tal-Futbol 2003/2004 | Frar | 40 |
| Is-Sena 2004 iddedikata lill-Isports | Marzu | 40 |
| Apprezzament: U. Rudolph Rothenbulher | April | 40 |
| Żebbuġ Rovers jirbħu t-tieni unur staġjonali | Mejju | 40 |
| Żebbuġ Rovers, Champions Għawdxin għall-ewwel darba | Ġunju/Lulju | 40 |
| L-Olimpjadi, l-ikbar Avveniment Sportiv Mondjali | Awissu/Sett. | 40 |
| Nadur jirbħu t-Tazza Indipendenza għas-7 darba | Ottubru | 40 |
| Maratona Sportiva ta' 36 siegħa ta' suċċess | Novembru | 48 |

*GĦAWDEX 300 SENA ILU - Paġna mill-Arkivju Nazzjonali (MGR. JOSEPH BEZZINA)*

| | | |
|---|---|---|
| It-Teżor ta' l-Ilma | Jannar | 23 |
| Il-Prezz tat-Tħin | Frar | 23 |
| Importazzjoni tal-Ġobon | Marzu | 23 |
| Il-Paga ta' l-Uffiċjali tar-Riġment | April | 23 |
| Il-Ħruq tal-Maskli miċ-Ċittadella | Mejju | 23 |
| Tħejjijiet għal Żjara Statali | Ġunju/Lulju | 23 |
| Tron Ġuratali għall-Matriċi | Awissu/Sett. | 23 |
| Il-Pubblikazzjoni tal-Bandu Ġuratali | Ottubru | 23 |
| Ordinazzjonijiet, Statuti, u Liġijiet | Novembru | 31 |
| Battikata għad-difiża ta' Għawdex | Diċembru | 23 |

*GĦAWDXIN LI GĦADNA NIFTAKRU (PAWLU MIZZI)*

| | | |
|---|---|---|
| Karmenu ta' Finda (11) | Jannar | 34 |
| Ġoġò tax-Xejxier (12) | Frar | 34 |
| Joe Qassisu (13) | Marzu | 34 |
| Ġirġi tal-Mestizz (14) | April | 34 |
| Il-Prinċipal (15) | Mejju | 34 |
| Il-Ministru Dun Kelment (16) | Ġunju/Lulju | 33 |
| Ġanġu ta' Newwiela (17) | Awissu/Sett. | 34 |
| Toni Bonniċi ta' Terna (18) | Ottubru | 34 |
| L-Avukat Anton Calleja (19) | Novembru | 42 |
| Majsi ta' l-Għadmu (20) | Diċembru | 33 |

| | | |
|---|---|---|
| *IL-ĦAJJA FID-DJOĊESI (SEM. JOSEPH CURMI)* | Jannar – Diċ | 4 |

*INT U SAĦĦTEK (DR. MARIO SALIBA M.D.)*

| | | |
|---|---|---|
| L-Effett tat-Tipjip fuq il-Pulmuni | Jannar | 38 |
| Il-Puplesija | Frar | 38 |
| Il-Mard tal-Qalb u taċ-Ċirkulazzjoni | Marzu | 38 |
| Ikun Imbierek l-Ilma! | April | 38 |
| Is-Sigaretti u t-Tipjip | Mejju | 38 |
| X'ser nieklu? | Ġunju/Lulju | 38 |
| Il-ħsara mix-xemx | Awissu/Sett. | 38 |
| Ikel tajjeb għat-tfal ta' l-iskola | Ottubru | 38 |
| Il-Marda tal-Parkinson | Novembru | 46 |
| Ċelluli Steminali: Dilemmi Etiċi | Diċembru | 38 |

| | | |
|---|---|---|
| *KURŻITAJIET MINN MADWAR ID-DINJA (PIERRE MEJLAK)* | Jannar – Nov | 42 |

*LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA (ĠORĠ N. CASSAR)*

| | | |
|---|---|---|
| Għandna min-nies jew mill-bdabad? | Marzu | 16 |
| Tal-biża' l-Vjolenza! | Mejju | 16 |
| Dal-biża' kollu għalfejn? | Awissu/Sett. | 15 |
| La taqleb is-sittin | Novembru | 17 |

*L-INTERVISTA (DUN EDDIE ZAMMIT)*

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħajja fid-"Dar Ġużeppa Debono" | Jannar | 12 |
| Il-Bizzilla Famuża t'Għawdex | Frar | 12 |
| San Girgor u l-qima lejh f'Għawdex | Marzu | 12 |
| "Ninbnew f'Tempju Qaddis" Pastorali, Liturġija u Festi fin-Nadur | April | 12 |
| Il-Futur ta' Għawdex fl-Unjoni Ewropea | Mejju | 12 |

| | | |
|---|---|---|
| Storja, Kult u Festi Ċentinarji lil Santa Margerita f'Sannat | Ġunju/Lulju | 12 |
| Fil-Qala: Tifkiriet tal-Imgħoddi b'ħarsa lejn il-Ġejjieni | Awissu/Sett. | 12 |
| Park Reġjonali f'Imġarr ix-Xini | Ottubru | 12 |
| Kenn Xieraq għas-Saċerdoti Għawdxin | Novembru | 13 |
| Il-Milied fix-Xewkija | Diċembru | 12 |
| ***MILL-KNISJA FID-DINJA (KAPP. D. EDWARD XUEREB)*** | Jannar – Diċ | 9 |
| ***PASSIĠATA BIBBLIKA (FR. CHARLES BUTTIGIEG)*** | | |
| L-Eskatoloġija fil-Vanġelu ta' San Ġwann | Ottubru | 36 |
| Il-Mirakli ta' Kristu fil-Vanġeli. | Novembru | 44 |
| ***POEŻIJI (VERSI RIFLESSIVI GĦAWDXIN)*** | | |
| Għawdex Tagħna (*Francis Sultana*) | Jannar | 19 |
| Tlugħ ix-Xemx f'Ras il-Qala (*Francis Sultana*) | Frar | 19 |
| Id-Dagħwa ta' Chambray (*Geoffrey G. Attard*) | Frar | 19 |
| Qed Jidlam (*Kan. Joe Mejlak*) | Frar | 19 |
| Arani Ġej (*Francis Sultana*) Għada jisbaħ ukoll! (*Kan. Joe Mejlak*) | Marzu | 19 |
| "Functus Opere" (*Kan. Joe Mejlak*) | April | 19 |
| Siegħa Serħan; F'Jum l-Omm...; X'nista' Noffrilek? (*Francis Sultana*) | Mejju | 19 |
| Inżul ix-Xemx b'differenza; F'Jum il-Missier (*Francis Sultana*) | Ġunju/Lulju | 19 |
| Is-Sajf Għawdxi (*Francis Sultana*) | Awissu/Sett. | 19 |
| L-Eroj Għawdxin (*J.W. Psaila*) | Ottubru | 19 |
| L-Imsejjaħ (*J.W. Psaila*); Sigriet Mikxuf (*Francis Sultana*) | Novembru | 19 |
| Il-Ġrajja tal-Milied (*Kav. Joe M.Attard*) | Diċembru | 19 |
| "Mater Dei" (*Mons. Giuseppe Farrugia Gioioso*) | Diċembru | 19 |
| ***RIFLESSJONIJIET MIĠBURA MINN A.C.M*** | | |
| Fl-Erbgħin Anniversarju mill-Enċiklika Soċjali "*Pacem in Terris*" | Jannar | 20 |
| L-10 ta' Frar: Il-"*Birthday*" ta' Malta Nisranija. | Frar | 20 |
| Fir-Randan nimmeditaw sewwa l-"*Via Sagra*" | Marzu | 20 |
| Il-Messaġġ tal-Papa Ġwanni Pawlu II għall-Jum Mondjali taż-Żgħażagħ | April | 20 |
| Fix-Xahar ta' Mejju nqimu lill-Madonna u nitgħallmu minnha | Mejju | 20 |
| Wara d-Dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea... Il-Kristjaniżmu u l-Ewropa | Ġunju/Lulju | 20 |
| Gwida għall-problemi tal-Ħajja Nisranija... Il-Kelma tar-Ragħaj | Awissu/Sett. | 20 |
| Dan ix-Xahar nibdew is-"Sena Ewkaristika" | Ottubru | 20 |
| Ittra Apostolika tal-Papa fil-Ftuħ tas-Sena tal-Ewkaristija. | Novembru | 20 |
| "Ġejna Nadurawh" | Diċembru | 20 |
| ***XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA (ANĠLU XUEREB)*** | | |
| Madre Ġemma Camilleri (1889-1973) (L-Ewwel Parti) | Jannar | 32 |
| Madre Ġemma Camilleri (1889-1973) (It-Tieni Parti) | Frar | 32 |
| Madre Ġemma Camilleri (1889-1973) (It-Tielet Parti) | Marzu | 32 |
| Dun Ġużepp Grima (1885-1952) (L-Ewwel Parti) | April | 32 |
| Dun Ġużepp Grima (1885-1952) (It-Tieni Parti) | Mejju | 32 |
| Dun Ġużepp Grima (1885-1952) (It-Tielet Parti) | Ġunju/Lulju | 32 |
| Karolina Cauchi (1824-1907) (L-Ewwel Parti) | Awissu/Sett. | 32 |
| Karolina Cauchi (1824-1907) (It-Tieni Parti) | Ottubru | 32 |
| Karolina Cauchi (1824-1907) (It-Tielet Parti) | Novembru | 32 |
| Karolina Cauchi (1824-1907) (Ir-Raba' Parti) | Diċembru | 32 |
| ***X'ĠARA DAN L-AĦĦAR (LELIO SPITERI)*** | | |
| Aħbarijiet ta' Għawdex | Jannar – Diċ | 6 |


DM
DAVID'S BAKERY CATERERS
Sokkors Street, Kerċem
Tel: 2155 5655, 2155 9000
Mob: 9945 8131

# ISSELLEF SABIEX TIXTRI DAREK MA' L-APS BANK




*Mur fil-fergħa fir-Rabat, Għawdex*
*jew ċempel fuq 2156 3512*

APS bank
www.apsbank.com.mt